Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,576, 19 ta' Frar, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru V tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għall-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità, inkluż proprjetà li tiġi minn *money laundering*, dħul u benefiċċji oħra li ġejjin minn rikavat miżmuma minn akkużati kriminali, proprjetà li hija r-rikavata ta', jew li ntużat fi, jew intenzjonata jew allokata għall-użu ta' finanzjar ta' terroriżmu, atti terroristiċi jew organizzazzjonijiet terroristiċi, għat-twaqqif tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi bħala korp, indipendenti mill-Gvern, għall-iskop imsemmi, għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna ta' rikavat mill-kriminalità u kwistjonijiet oħra konsegwenzjali jew anċillari għalihom.

ACT No. V of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the identification, tracing, freezing and confiscation of proceeds of crime including laundered property, income and other benefits derived from such proceeds held by criminal defendants, property that is the proceeds of, or used in, or intended or allocated for use in the financing of terrorism, terrorist acts or terrorist organisations, for the setting up of the Asset Recovery Bureau as a body, independent of the Government, for the said purpose, for non-conviction based confiscation of proceeds of crime and other matters consequential or ancillary thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

19 ta' Frar, 2021

ATT Nru V tal-2021

ATT sabiex jipprovdi għall-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità, inkluż proprjetà li tiġi minn money laundering, dħul u benefiċċji oħra li ġejjin minn rikavat miżmuma minn akkużati kriminali, proprjetà li hija r-rikavat ta', jew li intużat fi, jew intenzjonata jew allokata għall-użu ta' finanzjar ta' terroriżmu, atti terroristiċi jew organizzazzjonijiet terroristiċi, għat-twaqqif tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi bħala korp, indipendenti mill-Gvern, għall-iskop imsemmi, għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna ta' rikavat mill-kriminalità u kwistjonijiet oħra konsegwenzjali jew anċillari għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1 - 5
Taqsima II	Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi	6 - 27
Taqsima III	Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)	28 - 32
Taqsima IV	Ordnijiet	33 - 37
Taqsima V	Proċeduri Speċjali Quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)	38 - 42

Taqsima VI	Konfiska Bbażata Fuq Nuqqas ta' Kundanna	43- 53
Taqsima VII	Koperazzjoni Internazzjonali	54 - 56
Taqsima VIII	Regolamenti, Reati u Penali	57 - 63
Taqsima IX	Emendi u Dispożizzjonijiet Tranżitorji	64 - 70
Skeda		

TAQSIMA I
Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' b'ordni jistabbilixxi fil-Gazzetta u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"assi virtwali" tfisser rappreżentazzjoni diġitali ta' valur li jista' jiġi nnegozjat diġitalment, jew trasferit, u jista' jintuża għal skopijiet ta' ħlas jew investiment;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Uffiċċju stabbilit permezz tal-artikolu 7;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Uffiċċju, u tinkludi membru tal-persunal tad-Direttorat debitament awtorizzat mid-Direttur u kuntrattur tal-Uffiċċju li jaġixxi taħt l-istruzzjonijiet tad-Direttur;

"kategorija ta' każijiet" u "każijiet ta' kwalunkwe kategorija" ifissru kemm azzjonijiet *in personam* u kif ukoll azzjonijiet *in rem* hekk kif provdut taħt dan l-Att;

"konfiska" tfisser it-teħid jew qbid ta' proprjetà b'ordni tal-awtorità kompetenti li ċċaħħad is-sid mit-titolu tiegħu, kollu jew parzjalment għal ebda kumpens;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"proprjetà" tfisser l-assi kollha ta' kull tip, tanġibbli jew

intanġibbli, mobbli jew immobbli, korporali jew inkorporali, u tinkludi kemm assi virtwali u dokumenti legali jew strumenti li juru titolu ta', jew l-interess fi, tali assi u kif ukoll il-patrimonju kollu ta' persuna;

"Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)" tfisser is-sezzjoni tal-Qorti Ċivili mwaqqfa permezz tat-Tielet Taqsima;

"sid" tfisser persuna bi sjieda jew interess assigurat fi proprjetà. "Sid" ma tinkludix persuna nominata li minkejja li għandha titolu legali, ma teżerċitax il-ħakma u kontroll fuq il-proprjetà konsistenti mad-drittijiet tal-veru sid. "Sid" ma tinkludix ukoll kreditur mhux garantit b'każ ta' azzjoni kontra s-sid tal-proprjetà jew il-proprjetà tiegħu imma li ma jkollu l-ebda interess fi proprjetà speċifika;

"suspettat" tfisser persuna suspettata li kkommettiet ir-reat rilevanti;

"Uffiċċju" tfisser l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi mwaqqaf permezz tal-artikolu 6.

(2) (a) Fejn hemm provdut f'dan l-Att li azzjoni tista' tiġi istitwita "mill-Gvern", tali azzjoni tista' titwettaq mill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u mill-Kummissarju tal-Pulizija li jaġixxu jew individwalment jew kollettivament, iżda xejn f'dan is-subartikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti l-preżentata ta' aktar minn azzjoni waħda (1) fuq l-istess talba minn applikanti differenti. L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u l-Kummissarju tal-Pulizija jistgħu jidħlu f'memorandum ta' ftehim bejniethom sabiex jiddeterminaw it-tipi ta' kawżi li għandhom ikunu segwiti minn wieħed jew iktar minn wieħed minnhom.

(b) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kull referenza għal "persuna" għandha titqies li tinkludi referenza għal persuna fiżika jew morali, u tinkludi referenza għal assoċjazzjoni jew korp ta' persuni, kemm jekk korporali jew inkorporali u kemm jekk dik l-assoċjazzjoni, korp jew grupp ieħor ikun għal perjodu tranżitorju, jew għal għan partikolari, jew mod ieħor.

Rikavat mill-kriminalità, proprjetà faċilitattiva, u proprjetà soġġetta għall-konfiska.

3. (1) "Rikavat mill-kriminalità" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minn reat rilevanti, inkluża iżda mhux limitata għal kwalunkwe proprjetà jew interess fi proprjetà li ma tkunx inkisbet jew tinżamm ħlief għat-twettiq tar-reat.

(2) Ir-rikavat mill-kriminalità jista' jikkonsisti f'kull tip ta'

proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni u ta' kwalunkwe natura, kemm jekk mobbli jew immobbli, korporali jew inkorporali irrispettivament minn jekk dik il-proprjetà tkunx tinsab f'Malta jew mod ieħor u irrispettivament minn min tinżamm dik il-proprjetà, u tinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew trasformazzjoni sussegwenti.

(3) Ir-rikavat mill-kriminalità jfisser ir-rikavat totali ta' reat rilevanti mingħajr kreditu jew tnaqqis għal kwalunkwe spiża mġarrba biex isir ir-reat jew taxxi mħallsa jew dovuti.

(4) "Proprjetà faċilitattiva" tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża biex titwettaq jew biex tiffaċilita t-twettiqta' reat rilevanti, bħal billi tagħmel ir-reat inqas diffiċli biex jitwettaq jew ftit jew wisq ħieles minn ostaklu jew tfixkil.

(5) "Proprjetà involuta fil-money laundering" tinkludi kwalunkwe rikavat mill-kriminalità li huma s-suġġett tat-tranżazzjoni ta' money laundering, kwalunkwe proprjetà li tirrigwarda r-rikavat mill-kriminalità fil-mument meta sseħħ it-tranżazzjoni ta' money laundering, kwalunkwe proprjetà li fiha r-rikavat jew il-kriminalità huma investiti jew li għalihom huma skambjati matul ir-reat tal-money laundering, u kwalunkwe proprjetà użata biex tiffaċilita r-reat tal-money laundering.

(6) "Proprjetà soġġetta għall-konfiska" tinkludi rikavat mill-kriminalità, proprjetà li tiffaċilita, u kull proprjetà involuta f'reat ta' money laundering.

Reat rilevanti.

4. "Reat rilevanti" huwa kull reat taħt kwalunkwe liġi, u li ma jkunx reat ta' natura involontarja, soġġett għall-piena ta' ħabs jew detenzjoni għal żmien massimu ta' mill-inqas sena (1) ħlief meta provdut b'mod ieħor f'Taqsima oħra ta' dan l-Att.

Responsabbiltà għal danni ċivili.

5. (1) Il-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità taħt dan l-Att ma għandha tneħħi ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe persuna li tkun wettqet reat minn kwalunkwe responsabbiltà għall-ħlas ta' danni lil xi persuna bħala kumpens għal kwalunkwe telf imġarrab minn tali persuna bħala konsegwenza tar-reat.

Relazzjoni ma' liġijiet oħra.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kwalunkwe proċedimenti mibdija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att skont kwalunkwe liġi oħra jew regolamenti għandhom jibqgħu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi jew regolamenti.

(3) Meta l-liġi tipprovdi għall-konfiska tal-assi tal-akkużat bħala konsegwenza ta' ħtija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tali konfiska għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'dak il-mod illi d-dispożizzjonijiet ta'

dan l-Att għandhom madankollu japplikaw fir-rigward ta' proprjetà li tikkostitwixxi rikavat u li mhijiex soġġetta għall-konfiska taħt kull liġi msemmija.

TAQSIMA II
Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Twaqqif tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

6. (1) Għandu jkun hemm imwaqqaf korp, indipendenti mill-Gvern, li jkun magħruf bħala l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Uffiċċju li jintraċċa u jidentifika r-rikavat mill-kriminalità u kwalunkwe proprjetà oħra soġġetta għall-konfiska, u li jieħu azzjoni għall-konfiska tagħhom kif ukoll għall-amministrazzjoni u r-rimi xieraq tagħhom, u biex jassisti awtoritajiet oħra tal-infurzar u regolatorji fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

(3) L-Uffiċċju għandu jkun korp li jkollu personalità ġuridika distinta minn dik tal-Gvern u għandu jkun kapaċi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li jidħol f'kuntratti, li jkollu u jkun jista' jiddisponi minn proprjetà ta' kull tip għall-iskop tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek u li jidħol fit-tranżazzjonijiet l-oħra kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(4) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, l-Uffiċċju ma għandux ikun soġġett għal ebda direzzjoni jew kontroll minn xi persuna, awtorità jew korp.

(5) L-Uffiċċju għandu jikkonsisti minn Bord u minn Direttorat.

(6) Ir-rappreżentazzjoni legali u ġudizzjarja tal-Uffiċċju għandha tkun vestita fiċ-Chairperson:

Iżda l-Bord tal-Uffiċċju jista' jaħtar lid-Direttur jew lil wieħed jew iktar mill-membri tal-persunal tad-Direttorat biex jidhru f'isem l-Uffiċċju fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u fi kwalunkwe att, kuntratt jew strument jew kwalunkwe dokument ieħor.

(7) Kull dokument li jkun jidher li jkun strument magħmul jew maħruġ mill-Uffiċċju u ffirmat miċ-Chairperson f'isem l-Uffiċċju għandu jintlaqa' bħala prova, u sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies li huwa strument magħmul jew maħruġ mill-Uffiċċju.

Bord tal-Uffiċċju.

7. (1) Il-Bord tal-Uffiċċju għandu jikkonsisti minn Chairperson maħtur mill-Kabinett tal-Ministri, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, minn fost persuni li kellhom il-kariga ta' Imħallef jew Maġistrat, jew li kellhom karigi għolja fis-servizz

pubbliku ta' Malta, u erba' (4) membri oħra kif ġej:

(a) il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu;

(b) il-Kummissarju tat-Taxxi jew ir-rappreżentant tiegħu;

(ċ) l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti jew ir-rappreżentant tiegħu;

(d) id-Direttur tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew ir-rappreżentant tiegħu.

(2) Wieħed mill-membri tal-Bord tal-Uffiċċju għandu jinħatar mill-Ministru bħala Deputat Chairperson. Id-Deputat Chairperson għandu jkollu s-setgħat kollha u jaqdi d-dmirijiet kollha taċ-Chairperson waqt l-assenza taċ-Chairperson jew matul kwalunkwe perjodu fejn iċ-Chairperson ma jistax jaqdi l-funzjoni tiegħu għal kwalunkwe kawża oħra, jew waqt kwalunkwe post battal fil-kariga taċ-Chairperson.

(3) Il-Bord jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe vakanza fil-kompożizzjoni tiegħu jew matul l-assenza ta' xi wieħed mill-membri tiegħu sakemm iċ-Chairperson jew id-Deputat Chairperson u kwalunkwe żewġ (2) membri oħra jkunu preżenti.

(4) Persuna ma għandhiex tkun kwalifikata biex tkun maħtura, jew biex tkompli tieħu l-kariga, bħala membru tal-Bord jekk hi:

(a) interdetta jew inabilitata;

(b) tkun iddikjarata falluta; jew

(ċ) instabet ħatja ta' reat f'Malta jew barra minn Malta ħlief:

(i) reat ta' natura involontarja; jew

(ii) reat soġġett għall-piena stabbilita għal kontravvenzjonijiet.

(5) Għall-fini tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kif speċifikat f'dak il-paragrafu għandha xorta tkun skwalifikata milli jkollha l-kariga minkejja li xi penali mogħtija tkun ġiet sospiża jew tali persuna tkun ġiet meħlusa kondizzjonalment jew titpoġġa taħt probation mingħajr l-ebda infrazzjoni jew tali persuna ngħatat sentenza skont l-Att dwar il-Probation mingħajr ebda infrazzjoni ta' penali. Kap. 446.

(6) Iċ-Chairperson u d-Deputat Chairperson għandhom jinħatru għal perjodu ta' ħames (5) snin u jkunu jistgħu jinħatru mill-ġdid.

(7) Fejn membru tal-Bord jokkupa l-kariga bħala r-rappreżentant ta' persuna oħra kif provdut fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1), tali membru għandu jkun maħtur għal perjodu ta' ħames (5) snin imma jista' jerġa' jinħatar mill-ġdid.

(8) Iċ-Chairperson, id-Deputat Chairperson u l-membri l-oħra tal-Bord, inklużi dawk il-membri l-oħra kif jissemmew fis-subartikolu (7) għandhom jaqdu dmirijiethom skont id-diskrezzjoni individwali tagħhom stess u ma għandhomx ikunu soġġetti għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

(9) Il-membri tal-Bord għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni kif il-Ministru jista' jiddetermina malli jinħatru.

(10) Membru tal-Bord ma jistax jitneħħa mill-kariga, ħlief miċ-Chairperson li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri għal raġunijiet jew inkapaċità li jwettaq il-funzjoni tiegħu (kemm jekk jirriżulta minn nuqqas fiżiku jew mentali jew kwalunkwe kawża oħra) jew fuq prova ta' mġiba ħażina.

(11) Il-Ministru għandu jaħtar persuna li tkun avukat jew prokuratur legali biex taġixxi bħala Segretarju għall-Bord.

(12) Il-minuti, diskussjonijiet, deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali u ma għandhomx jiġu żvelati ħlief:

(a) meta jkun hemm awtorizzazzjoni biex isir dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) għall-finijiet tat-twettiq ta' dmirijiet jew l-eżerċizzju ta' funzjonijiet taħt dan l-Att; u

(ċ) lil kwalunkwe entità kompetenti, qorti jew tribunal.

8. (1) Il-Bord għandu jkun responsabbli biex jistabbilixxi l-politika li għandha tiġi adottata mill-Uffiċċju fl-eżerċizzju tal- Funzjonijiet tal-Bord.

funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Il-Bord għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-Uffiċċju jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att u skont kull prassi stabbilita minnu.

(3) Il-Bord jista' minn żmien għal żmien, jekk jidhirlu xieraq, jagħmel regoli ġenerali għall-gwida tad-Direttorat fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u jista' f'kull ħin jirrevoka jew ivarja regoli bħal dawn:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma għandu jinftiehem bħala li jawtorizza lill-imsemmi Bord milli jagħti direzzjonijiet rigward it-tmexxija ta' kwalunkwe investigazzjoni jew funzjoni oħra tal-Uffiċċju fi kwalunkwe każ partikolari.

(4) Il-Bord għandu wkoll jivverifika u japprova l-kontijiet tal-Uffiċċju u l-abbozzi ta' stimi u l-pjanijiet finanzjarji tal-Uffiċċju, imħejjija mid-Direttur qabel is-sottomissjoni finali tagħhom lill-Ministru skont dan l-Att.

(5) Il-Bord għandu jinżamm infurmat mid-Direttur dwar it-tmexxija ġenerali tal-Uffiċċju u l-imsemmi Direttur għandu barra minn hekk jinforma lill-imsemmi Bord bir-riżultat ġenerali ta' investigazzjonijiet u operazzjonijiet konklużi mill-Uffiċċju.

Id-Direttorat.

9. (1) Id-Direttorat tal-Uffiċċju għandu jikkonsisti mid-Direttur li għandu jkun l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Uffiċċju, minn Deputat Direttur u minn dawk l-uffiċjali l-oħra u l-impjegati tal-Uffiċċju li jistgħu jiġu ingaġġati mill-Uffiċċju minn żmien għal żmien.

(2) Id-Direttur għandu jkun inkarigat mit-tmexxija ġenerali u l-azzjoni eżekuttiva tal-Uffiċċju u għandu jżomm lill-Bord mgħarraf dwar it-tmexxija ġenerali tal-Uffiċċju u dwar ir-riżultat ġenerali ta' investigazzjonijiet u operazzjonijiet konklużi mill-Uffiċċju.

(3) Id-Direttur għandu jinħatar mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord, għal dak il-perjodu u skont dawk it-termini li l-Ministru jista', b'konsultazzjoni mal-Bord, jiddetermina.

(4) Id-Deputat Direttur u l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tad-Direttorat għandhom ikunu magħżula mid-Direttur u ingaġġati mill-Uffiċċju skont dawk il-proċeduri u skont dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord jista' minn żmien għal żmien jiddetermina.

(5) Id-Deputat Direttur u l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tad-Direttorat (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa l-persunal tad-Direttorat) għandhom, kemm jista' jkun, jintgħażlu minn fost:

(a) membri tal-Pulizija Eżekuttiva, innominati u maħtura mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(b) uffiċjali fid-dipartimenti li jaqgħu taħt it-tmexxija tal-Kummissarju tat-Taxxi nnominati u maħtura mill-Kummissarju tat-Taxxi; u

(ċ) uffiċjali pubbliċi.

(6) L-Uffiċċju jista' jaġixxi wkoll permezz ta' dawk il-kuntratturi li jista' minn żmien għal żmien jingaġġa:

Iżda dawn il-kuntratturi għandhom f'kull ħin jaġixxu skont dawk l-istruzzjonijiet mogħtija mid-Direttur.

(7) Id-Direttur u l-persunal tad-Direttorat għandhom għall-finijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi, u għandhom jingħataw il-protezzjoni kollha u jistgħu jidħlu fir-responsabbiltà kollha bħala tali. Kap. 9.

(8) Id-Direttur u l-persunal tad-Direttorat għandhom, bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja f'dan l-Att jew fi kwalunkwe liġi oħra, jimxu ma' kwalunkwe kodiċi ta' etika applikabbli għal uffiċjali pubbliċi:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jista' jitqies li jipprekludi l-Bord milli jagħmel aktar regoli li jirregolaw l-aġir tad-Direttur u tal-persunal tad-Direttorat biex jissupplimentaw kwalunkwe Kodiċi ta' Etika bħal dan.

10. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' mill-inqas għaxar (10) darbiet fis-sena b'dana li l-Bord għandu jassigura li l-perjodu ta' żmien ta' bejn laqgħa u oħra ma jkunx aktar minn dak ta' sitt (6) ġimgħat. Laqgħat oħra tal-Bord għandhom jissejħu kif jista' jkun meħtieġ. Laqgħat tal-Bord.

(2) Is-Segretarju għall-Bord għandu jieħu minuti tad-deċiżjonijiet fil-laqgħat tiegħu. Il-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju u miċ-Chairperson.

(3) Il-laqgħa tal-Bord għandha tkun ippreseduta miċ-Chairperson jew fl-assenza tiegħu mid-Deputat Chairperson.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u jivvutaw, u f'każ ta' voti ndaqs iċ-Chairperson, jew fejn il-laqgħa tkun preseduta mid-Deputat Chairperson, id-Deputat Chairperson għandu jkollu u jeżerċita t-tieni vot jew vot deċiżiv. Il-kworum fil-laqgħat tal-Bord għandu jkun magħmul minn tliet (3) membri.

(5) Id-Direttur għandu jkun intitolat li jattendi l-laqgħat tal-Bord u li jieħu sehem fid-diskussjonijiet. Il-Bord jista' jistieden kwalunkwe membru ieħor tal-persunal tad-Direttorat biex jattendi laqgħa tal-Bord u biex jieħu sehem fid-diskussjonijiet. Id-Direttur u kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat li jieħu sehem f'kull diskussjoni tal-Bord tal-Uffiċċju ma għandhomx jivvutaw fil-laqgħat li fihom jipparteċipaw:

Iżda ċ-Chairperson jista', jekk jidhirlu li huwa xieraq li jagħmel dan, fi kwalunkwe ħin jeskludi d-Direttur jew kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat mistieden biex jattendi għal laqgħa tal-Bord minn kwalunkwe laqgħa jew parti minnha.

(6) Kull parteċipazzjoni f'laqgħa tal-Bord ta' persuna li mhijiex intitolata li tkun preżenti ma għandhiex tinvalida l-proċedimenti tal-laqgħa u lanqas għandha din il-proċedura tkun invalidata jekk sussegwentement jiġi skopert li persuna aġixxiet *in bona fede* bħala membru u difett fil-ħatra tagħha jew fi kwalifika tagħha jiġi skopert wara.

(7) Avviż ta' ġimgħa għandu jingħata lill-membri tal-Bord għal kwalunkwe laqgħa tiegħu:

Iżda f'każ fejn tinqala' sitwazzjoni urġenti u deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minnufih, deċiżjonijiet meħuda minn tal-anqas żewġ (2) membri tal-Bord li wieħed minnhom ikun iċ-Chairperson jew id-Deputat Chairperson għandhom ikunu validi daqslikieku ttieħdu f'laqgħa tal-Bord imlaqqa' regolarment b'avviż xieraq.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

Ħatriet tal-persunal.

11. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-ħatra ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Uffiċċju għandha ssir mill-Uffiċċju. It-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom ikunu stabbiliti mill-Uffiċċju bi qbil mal-Ministru.

Ħatra u funzjonijiet ta' uffiċjali u impjegati tal-Uffiċċju.

12. L-Uffiċċju għandu jaħtar u jimpjega, b'dak il-ħlas u skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-ħin li jista', skont l-artikoli 9 u 11, jiddetermina, dawk l-uffiċjali u l-impjegati tal-Uffiċċju li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu meħtieġa għall-kwittanza dovuta u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Uffiċċju.

Assenjazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi biex jaqdu dmirijiethom mal-Uffiċċju.

13. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba tal-Uffiċċju, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku għandu jiġi assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Uffiċċju f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data kif jista' jkun speċifikat fl-ordni tal-Prim Ministru.

(2) Il-perjodu li matulu ordni bħal dik hawn aktar qabel imsemmija għandha tapplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha, għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx irtira mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra temm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jew kemm-il darba ma tiġix speċifikata data differenti f'dik l-ordni, itemm milli jibqa' jseħħ wara sena mid-data effettiva ta' dik l-ordni kemm-il darba l-ordni ma tiġix aktar kmieni revokata mill-Prim Ministru.

Status tal-uffiċjali pubbliċi assenjati biex jaqdu dmirijiethom mal-Uffiċċju.

14. (1) Meta uffiċjal jiġi assenjat għal dmirijiet mal-Uffiċċju taħt xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih dik l-ordni jkollha effett dwaru, ikun taħt l-awtorità u l-kontroll amministrattiv tal-Uffiċċju iżda huwa għandu għal kull għan u raġuni oħra jibqa' u jitqies u jiġi ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi:

(a) ma għandux waqt iż-żmien li matulu huwa hekk assenjat:

(i) jiġi preklużż milli japplika għal trasferiment f'xi dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data meta huwa jiġi hekk assenjat għal dmirijietu; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li jkunu konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu fid-data hawn aktar qabel imsemmija jew li kienu jkunu konnessi ma' dik il-ħatra, matul dak iż-żmien, li kieku dak l-uffiċjal ma jkunx ġie assenjat biex jaqdi dmirijietu mal-Uffiċċju; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu mal-Uffiċċju jiġi meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' pensjoni, gratwità, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li jkollu jedd għalih, u responsabbli għal kull responsabbilità li dwarha huwa jkun responsabbli, ħlief għall-fatt li huwa jkun ġie assenjat biex iwettaq dmiru mal-Uffiċċju.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Fejn issir applikazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2)(a)(i) għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni daqslikieku l-applikant ma

jkunx ġie assenjat għal servizz mal-Uffiċċju.

(4) L-Uffiċċju għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar l-ispiża tal-pensjonijiet u l-gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun assenjat għal dmirijiet mal-Uffiċċju kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li fih huwa hekk assenjat.

Offerta ta' impjieg permanenti mal-Uffiċċju għall-uffiċjali pubbliċi assenjati biex jaqdu dmirijiet mal-Uffiċċju.

15. (1) L-Uffiċċju jista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, joffri lil uffiċjal assenjat għal dmirijiet mal-Uffiċċju taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 impjieg permanenti mal-Uffiċċju b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jgawdi dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi ma għandhomx jitqiesu bħala inqas favorevoli biss għaliex ma jkunux għalkollox identiċi jew superjuri għal dawk li l-uffiċjal involut ikun qiegħed igawdi fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet ikkunsidrati flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru jkunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew akbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-Uffiċċju li jiġi offrut lilu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu għall-għanijiet kollha minbarra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u b'riżerva għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), jitqies bħala li jkun temm is-servizz mal-Gvern u li jkun daħal fis-servizz mal-Uffiċċju fid-data tal-aċċettazzjoni tiegħu, u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, sakemm japplika għalih, servizz mal-Uffiċċju għandu jitqies li hu servizz mal-Gvern fi ħdan it-tifsiriet tagħhom rispettivi.

Kap. 93.
Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal dak hawn aktar qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jaċċetta impjieg permanenti mal-Uffiċċju, kellu jedd jikseb benefiċċju taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' jkollu dak il-jedd li jibbenefika taħtu għal kull skop bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Uffiċċju kien servizz mal-Gvern.

Kap. 58.

(5) L-Uffiċċju għandu jħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu ddeterminati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fir-rigward tal-ispiża tal-pensjonijiet u l-gratwitajiet miksuba minn uffiċjal li aċċetta l-eżekuzzjoni tal-impjieg mal-Uffiċċju skont dan l-artikolu matul il-

perjodu li jibda fid-data tal-aċċettazzjoni ta' dan l-uffiċjal.

(6) (a) Għall-għaniiet ta' dan l-artikolu, il-karigi u l-gradi tas-salarji mal-Uffiċċju għandhom jiġu kklassifikati fi gradi u livelli inkrementali fis-servizz taħt il-Gvern ta' Malta li jkunu l-aktar jikkorrispondu b'referenza għad-deskrizzjoni tax-xogħol, il-ħiliet, ir-responsabbiltajiet u fatturi analogi oħra.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn bord magħmul minn president maħtur mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi u żewġ (2) membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-politika tal-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Uffiċċju. Il-klassifikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha sseħħ fi żmien tliet (3) xhur minn kull aġġustament tas-salarji tal-impjegati fis-servizz tal-Gvern u, jew, tal-impjegati tal-Uffiċċju.

(d) Ebda kariga ma għandha tigi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew fi grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien permezz ta' avviż fil-Gazzetta jiddetermina.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, l-ebda persuna ma tista', wara klassifikazzjoni kif intqal hawn qabel, tkun intitolata għal drittijiet taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet inqas favorevoli minn dawk li hija kienet tkun intitolata għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni. Kap. 93.

Dritt tal-Uffiċċju li jikseb informazzjoni.

16. (1) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, id-Direttur u kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat, awtorizzat minnu, għandu jkollhom is-setgħa li jfittxu mingħand kull persuna jew awtorità kwalunkwe informazzjoni rigward kwalunkwe persuna jew rigward kwalunkwe kwistjoni, u l-persuna fil-pussess ta' din l-informazzjoni ma għandhiex, minkejja d-dispożizzjoni ta' kwalunkwe liġi għall-kuntrarju, tkun obbligata tagħti d-Direttur jew kwalunkwe membru bħal dan l-informazzjoni hekk mitluba:

Iżda:

(a) L-ebda avukat jew prokuratur legali ma jista' jkun kostrett li jiżvela informazzjoni derivata mill-kunfidenza professjonali li l-partijiet infushom ikunu poġġew fl-assistenza u, jew, fil-parir tagħhom;

(b) Ebda kleru ma jista' jiġi interrogat dwar kwalunkwe kwistjoni jew ċirkustanza li seta' sar jafha taħt is-siġill tal-qrar jew tal-konfessjonijiet:

Iżda wkoll fejn kwalunkwe persuna jew awtorità tkun kisbet informazzjoni minn kwalunkwe persuna jew awtorità fi kwalunkwe Stat għajr Malta permezz tal-operazzjoni ta' kwalunkwe trattat jew arranġament ma' dak l-Istat l-ieħor li fih Malta tkun parti, u dak it-trattat jew arranġament jipprovdi li kwalunkwe informazzjoni mgħoddija mill-operat ta' tali trattat jew arranġament ma tista' tiġi żvelata lil ebda persuna oħra ħlief bil-kunsens tal-persuna li tgħaddi l-informazzjoni mitluba, il-persuna li mingħandha tkun mitluba l-informazzjoni tista' żżomm l-informazzjoni jekk tali kunsens ma jingħatax.

(2) L-informazzjoni msemmija taħt is-subartikolu (1) hawnhekk għandha tiġi pprovduta fi żmien mhux aktar minn tletin (30) jum mill-wasla tat-talba:

Iżda wara li tiġi murija kawża tajba lid-Direttur, tali perjodu jista' jiġi estiż mid-Direttur għal tali perjodu jew perjodi oħra li d-Direttur jista' jidhirlu raġonevoli.

Prosekuzzjoni għandha tinforma lill-Uffiċċju.

17. Meta persuna tkun mixlija quddiem Qorti ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali f'Malta, b'reat relevanti:

(a) illi għandu dimensjoni ekonomika, finanzjarja, monetarja u/jew pekunjarja;

(b) fejn allegatament jissussisti rikavat mill-kriminalità; jew

(ċ) li hu marbut inseparabbilment ma' dak provdut fil-paragrafu (b),

għandu jkun id-dmir tal-uffiċjal prosekutur li jinforma lill-Uffiċċju, malajr kemm jista' jkun u f'kull każ mhux aktar tard mill-iskadenza ta' ġimgħa (1) minn meta dik il-persuna tkun ġiet akkużata, u biex iżżomm lill-Uffiċċju mgħarraf bil-progress tal-proċeduri kontra tali persuna, partikolarment dwar kull kundanna jew ħelsien u dwar kull appell u r-riżultat tiegħu.

Prosekuzzjoni biex tikkoordina mal-Uffiċċju għall-ħruġ ta' ordnijiet taħt dan l-Att.

18. Għandu jkun id-dmir tal-uffiċjal prosekutur f'kull każ fejn persuna tkun ġiet mixlija b'reat relevanti notifikat lill-Uffiċċju skont kif provdut fl-artikolu 17, li jagħti lill-Uffiċċju l-informazzjoni kollha meħtieġa u li tista' tkun meħtieġa biex tiddetermina jekk dik il-persuna bbenefikatx minn rikavat mill-kriminalità u biex tiddetermina jekk hemmx bżonn li tittieħed xi miżura taħt dan l-Att fir-rigward ta' dik il-

persuna jew il-proprjetà tagħha.

Amministrazzjoni u rimi ta' proprjetà mitlufa, u ta' proprjetà kkonfiskata favur il-Gvern.

19. (1) Meta xi proprjetà minn sentenza finali ta' qorti tkun ġiet meħuda jew ikkonfiskata favur il-Gvern, għandha tkun ir-responsabilità fuq ir-Reġistratur ta' dik il-qorti li jinforma lill-Uffiċċju dwar tali telf jew konfiska u li jibgħat lill-Uffiċċju kopja tas- sentenza, li tordna t-telf jew il-konfiska jew li minħabba fiha jkun sar it-teħid jew il-konfiska.

(2) L-imsemmi Reġistratur għandu wkoll jibgħat lill-Uffiċċju kwalunkwe proprjetà hekk mitlufa jew konfiskata u, jew kull titolu għal dik il-proprjetà li tista' tkun fil-pussess tal-qorti.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra li tipprovdi għal teħid bħala konsegwenza ta' kundanna għal reat kriminali, il-konfiska favur il-Gvern tal-proprjetà soġġetta għall-konfiska, li tappartjeni lil persuna misjuba ħatja ta' reat rilevanti, hija konsegwenza ċivili ta' xi kundanna bħal din, u ma għandux għalfejn jiġi ppronunzjat fis-sentenza li tkun sabet il-ħtija tiegħu. Fejn din il-konfiska tinkludi r-rikavat mill-kriminalità, hija mhix limitata biss għall-qligħ li joħroġ mir-reat li għalih tirreferi s-sentenza, imma testendi għar-rikavat minn reati oħra relevanti li jintwerew fuq bilanċ ta' probabilitajiet li jkunu ġew kommessi mill-istess persuna.

(4) (a) Meta kull proprjetà hekk meħuda jew ikkonfiskata tikkonsisti fi flus f'munita oħra għajr l-euro, għandha tinbidel f'euro bir-rata tal-kambju fis-seħħ.

(b) Meta dik il-proprjetà tikkonsisti f'oġġetti jew assi oħra, din għandha tiġi mneħħija mill-Uffiċċju b'mod li jiżgura l-akbar benefiċċju għall-Gvern.

(5) Id-dħul mid-disponiment ta' kwalunkwe proprjetà mill-Uffiċċju għandu jiġi trasferit lid-Direttur għall-Fond Konsolidat jew għal tali fond ieħor li jista' jiġi stabbilit b'regolamenti magħmula mill-Ministru bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi għall-użu bħala appoġġ għall-isforzi għall-ġlieda kontra l-money laundering u l-iffinanzjar tat-terroriżmu kemm jista' jkun malajr wara li jkun irċevieh:

Iżda dak il-porzjon ta', jew dik is-somma mnissla minn dak ir-rikavat, kif tista' tiġi ddeterminata fl-estimi approvati mill-Ministru, tista' tinżamm mill-Uffiċċju bħala riżerva biex tkopri spejjeż kontinwi u futuri.

(6) L-Uffiċċju għandu jkun intitolat ukoll, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi), li jieħu pussess u jmexxi, jivvaluta, iżomm u jamministra proprjetà li tkun iffriżata u fil-proċess

li tiġi kkonfiskata u jbigħ dik il-proprjetà li hija ta' natura li titħassar jew li teħtieġ spejjeż sostanzjali biex tinżamm jew hija soġġetta għal deprezzament sostanzjali. Għal dan il-għan l-Uffiċċju jista' jkun assistit mill-kuntratturi tiegħu jew professjonisti esternalizzati.

Sena finanzjarja.

20. Is-sena finanzjarja tal-Uffiċċju għandha tibda fl-ewwel jum ta' Jannar u tintemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Uffiċċju tibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

Estimi u nefqa.

21. (1) Id-Direttur għandu, mhux aktar tard minn sittax (16)-il ġimgħa qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jissottometti lill-Bord tal-Uffiċċju stimi tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja ta' wara.

(2) Fil-preparazzjoni ta' dawn l-estimi l-Uffiċċju għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li s-somom li għandhom jiġu allokati lill-Uffiċċju, flimkien ma' kwalunkwe somma miżmuma skont il-proviso tas-subartikolu (5) tal-artikolu 19 huma tal-inqas biżżejjed biex jilħqu s-somom kollha li jitħallsu fil-kontijiet tad-dħul u nfiq tiegħu inkluż, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma, u għandu jkun fihom dik l-informazzjoni, u tali paraguni ma' snin preċedenti, kif il-Bord jista' jordna.

(4) Mhux aktar tard minn tliet (3) ġimgħat minn meta jirċievi dawn l-estimi mid-Direttur, il-Bord għandu jikkunsidra dawn l-estimi u għandu jibgħat l-istess bi jew mingħajr emendi lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu.

(5) Qabel tmiem is-sena finanzjarja, il-Ministru għandu japprova u jadotta dawn l-estimi b'emendi jew mingħajrhom.

(6) Jekk fir-rigward ta' kwalunkwe sena finanzjarja jinstab li l-ammont hekk approvat ma jkunx biżżejjed jew tkun inqalgħet ħtieġa għal nefqa għal skop mhux provdut fl-estimi, id-Direttur għandu jikkawża li jiġu ppreparati estimi supplimentari u jintbagħtu minnufih lill-Bord għat-trażmissjoni lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu, u fi kwalunkwe każ bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom kemm jista' jkun japplikaw għall-estimi supplimentari.

Avvanzi mill-Gvern.

22. Il-Ministru jista', billi jaġixxi skont xi Att ta' approprjazzjoni, jagħmel avvanzi u jipprovdi tali fondi lill-Uffiċċju biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, skont dawk l-estimi approvati skont

l-artikolu 21.

Kontijiet u verifika.

23. L-Uffiċċju għandu jżomm kotba ta' kontijiet xierqa b'dak il-mod li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jidderieġi. Kontijiet bħal dawn għandhom jiġu vverifikati minn awdituri maħtura mill-Bord tal-Uffiċċju bi qbil tal-Ministru minn fost persuni kkwalifikati biex jiġu maħtura bħala awdituri ta' kumpanija skont dik il-liġi li tkun fis-seħħ bħalissa f'Malta. Dawn il-kontijiet barra minn hekk għandhom ikunu soġġetti għal verifika mill-Awditur Ġenerali.

Rapport annwali.

24. (1) Il-Bord għandu malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru rapport annwali li jikkonsisti minn:

(a) kopja tal-kontijiet annwali ċċertifikati mill-awdituri; u

(b) rapport dwar l-operat tal-Uffiċċju matul is-sena finanzjarja preċedenti.

(2) Ir-rapport annwali għandu jkun impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jasal, jew fejn il-Kamra tkun f'dak il-perjodu mhux f'sessjoni, mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' titlaqqa'.

Id-data għandha tinżamm mill-Uffiċċju.

25. (1) L-Uffiċċju għandu jiġbor, imexxi u jipproċessa data relatata ma':

(a) persuni suspettati investigati mill-Uffiċċju;

(b) l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-proprjetà, inkluż data komprensiva fuq l-effettività tal-ifriżar u l-qbid tal-proprjetà sal-konfiska; u

(ċ) assistenza fl-infurzar ta' sentenzi li jinvolvu konfiska ta' proprjetà;

(d) il-ġestjoni tal-assi;

(e) il-qligħ stmat, il-valur ta' proprjetà maqbuda u kkonfiskata u l-ammont realizzat mill-amministrazzjoni jew bejgħ ta' dik il-proprjetà;

(f) fejn il-proprjetà tiġi rilaxxata, ir-raġunijiet għar-rilaxx.

Rekord ta' persuni li jkollhom aċċess għad-data.

(2) Id-Direttur għandu jżomm rekord ta' dawk il-persuni jew kategoriji ta' persuni li jkollhom aċċess għad-data msemmija fis-subartikolu (1), u għandu jpoġġi tali rekord disponibbli għall-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

(3) Id-data miżmuma għall-iskopijiet ta' dan l-Att għandha tinżamm għal perjodu ta' ħmistax (15)-il sena liema perjodu għandu jiġi sospiż waqt li jkunu pendenti investigazzjonijiet jew litigazzjoni li għalihom l-imsemmija data tkun rilevanti.

Żvelar ta' informazzjoni.

26. (1) Id-Direttur u l-membri tal-Bord, il-membri tal-persunal tad-Direttorat u l-konsulenti u l-kuntratturi tal-Uffiċċju għandhom jittrattaw kull informazzjoni akkwistata permezz tal-qadi ta' dmirijiethom taħt dan l-Att bħala sigrieti u kunfidenzjali u ma għandhomx jiżvelaw l-istess lil kwalunkwe persuna ħlief kif meħtieġa għat-twettiq korrett tad-dmirijiet tagħhom:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma għandu jitqies li jipprekludi d-Direttur jew kwalunkwe membru tal-persunal tad-Direttorat li jaġixxi taħt awtorizzazzjoni ġenerali jew speċifika mill-imsemmi Bord biex jiżvela informazzjoni lill-Avukat Ġenerali, jew lil kwalunkwe awtorità li tagħmel prosekuzzjoni, li tista' tkun meħtieġa fil-prosekuzzjoni ta' reati għal reat rilevanti jew lil kwalunkwe awtorità fiskali jew ta' sorveljanza stabbilita minn jew taħt kwalunkwe liġi oħra bl-iskop li tgħin lil awtorità bħal din fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Id-Direttur u l-membri tal-persunal tad-Direttorat għandhom iżommu rekord ta' kwalunkwe żvelar ta' informazzjoni li jkun sar skont is-subartikolu (1), li jindika lill-persuna li lilha ġiet żvelata l-informazzjoni u fejn meħtieġ id-data tal-awtorità biex tiżvela, mogħtija bil-miktub mid-Direttur:

Iżda f'każijiet urġenti, awtorità biex tiżvela tista' tingħata bil-fomm f'liema każ għandha tiġi kkonfermata bil-miktub kemm jista' jkun malajr, u fl-ebda każ mhux aktar tard minn jumejn (2) ta' xogħol mill-għoti tal-awtorità verbali.

Responsabbiltà għad-danni.

27. L-Uffiċċju, il-Bord, id-Direttur u l-membri tal-persunal tad-Direttorat ma għandhomx ikunu responsabbli għad-danni għal xi ħaġa magħmula jew li tħalliet barra li ssir fir-rilaxx jew it-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni taħt dan l-Att sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jintwerewx li kienu saru jew tħallew barra milli jsiru b'intenzjoni ħażina jew b'negliġenza kbira.

TAQSIMA III
Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)

Twaqqif tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

28. (1) Għandha tkun imwaqqfa sezzjoni tal-Qorti Ċivili biex tkun maħtura l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

(2) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tieħu konjizzjoni ta' każijiet ta' kwalunkwe kategorija kif hemm f'dan l-Att jew b'xi liġi oħra assenjata lilha.

(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tieħu konjizzjoni tal-każijiet ikun xi jkun il-valur tal-kwistjoni inkwistjoni jekk il-każ jaqa' f'kategorija ta' każijiet assenjati lilha kif stipulat fis-subartikolu (2).

Proċedimenti ta' natura ċivili.

29. Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) huma ta' natura ċivili u l-oneru tal-prova meħtieġa biex tkun stabbilita sejba ma għandux ikun akbar minn dak li jista' jkun meħtieġ f'kull qorti oħra ta' ġuriżdizzjoni ċivili għall-kuntrarju ta' ġuriżdizzjoni kriminali.

Inammissibbiltà bħala evidenza f'każijiet kriminali.

30. La l-aċċettazzjoni ta' ebda dikjarazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) minn xi persuna, u xejn ippreżentat f'dokument quddiemha jew xi ħaġa msemmija fil-provi minn xi persuna qabel ma għandhom ikunu ammissibbli bħala evidenza fi kwalunkwe proċediment għal xi reat kontra l-persuna li f'isimha tkun saret id-dikjarazzjoni jew ġiet aċċettata, jew f'isimha d-dokument ġie preżentat, jew kontra l-persuna li tagħti xhieda:

Iżda xejn f'dan l-artikolu ma għandu jitqies li jeżenta lil kwalunkwe persuna minn kwalunkwe responsabbiltà kriminali jew oħra li tirriżulta minnha li tagħti evidenza falza quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) jew għall-preżentata jew li tikkawża li tkun ippreżentata kwalunkwe dokument li jaf li jkun falza.

Proċedura.

31. (1) Ħlief kif provdut mod ieħor f'din il-liġi jew f'xi liġi oħra, il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandhom jiġu istitwiti u mmexxija skont l-istess proċedura kif applikabbli quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, u għalhekk l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandux japplika fir-rigward ta' proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

Kap. 12

(2) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandu jkollha s-setgħa fuq applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata biex:

(a) testendi kull limitu ta' żmien provdut minn dan l-Att;

(b) tiddeċiedi kwalunkwe kwistjoni dwar jekk il-privileġġ professjonali legali provdut f'dan l-Att japplikax fi kwalunkwe ċirkostanza ddikjarata.

Appelli.

32. L-ebda appell ma għandu jsir kontra deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) ħlief fuq punt tal-liġi deċiż fis-sentenza appellata jew abbażi ta' żball ta' fatt li jirriżulta mir-rekords tal-każ.

TAQSIMA IV
Ordnijiet

Ordnijiet ta' Monitoraġġ.

33. (1) Fejn l-Avukat Ġenerali jkollu kawża raġonevoli biex jissuspetta li persuna hija ħatja ta' reat rilevanti, l-imsemmi Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal Ordni, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Ordni ta' Monitoraġġ") li teħtieġ bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra liċenzjata biex joperaw f'Malta biex jissorveljaw għal perjodu speċifikat it-tranżazzjonijiet jew l-operazzjonijiet li jsiru permezz ta' kont wieħed jew aktar f'isem is-suspettat, jew permezz ta' kont wieħed jew aktar:

(a) suspettati li kienu użati fil-twettiq tar-reat; jew

(b) li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu; jew

(ċ) li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-post u l-ammonti tar-rikavat tal-kriminalità, matul jew wara l-kummissjoni tar-reat.

Il-Bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra meta tirċievi tali Ordni mill-Qorti Kriminali għandha tipproċedi biex tissorvelja l-kont jew il-kontijiet kif indikat fl-Ordni, u għandha tikkomunika lill-Avukat Ġenerali l-informazzjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ.

(2) L-applikazzjoni għal Ordni ta' Monitoraġġ għandha ssir bil-magħluq u d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali f'dik l-applikazzjoni għandha wkoll tingħata bil-magħluq.

(3) (a) Fejn mill-informazzjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ ta' kont jew kontijiet skont l-Ordni ta' Monitoraġġ magħmula skont is-subartikolu (1) jidher lill-Avukat Ġenerali li reat ikun sar, u li tali reat rilevanti jista' jkun irriżulta f'rikavat mill-kriminalità, l-Avukat Ġenerali għandu jikkomunika lid-Direttur l-informazzjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ.

(b) Id-Direttur għandu jistudja l-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu (a) bil-għan li jistabbilixxi l-kwantità ta' kwalunkwe rikavat

mill-kriminalità u l-post tagħhom, u fejn għal dak il-għan huwa tal-fehma li kwalunkwe kont jew kontijiet oħra jkun hemm bżonn li jiġu ssorveljati sabiex tingħabar l-informazzjoni għall-iskop imsemmi hawn fuq, huwa jista' jitlob lill-Avukat Ġenerali biex japplika quddiem il-Qorti Kriminali għall-ħruġ ta' aktar ordnijiet ta' monitoraġġ fir-rigward ta' tali kontijiet.

Ordni ta' Investigazzjoni.

34. (1) Fejn l-Avukat Ġenerali jkollu kawża raġonevoli biex jissuspetta li persuna hija ħatja ta' reat rilevanti, l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal Ordni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Ordni ta' Investigazzjoni") li teħtieġ li persuna jew persuni msemmija fl-Ordni li jistgħu jkunu fil-pussess ta' materjal parikolari jew materjal ta' deskrizzjoni partikolari li x'aktarx ikun ta' valur sostanzjali (kemm jekk waħdu kif ukoll flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni jew, b'rabta mas-suspettat, għandhom jipproduċu jew jagħtu aċċess għal dak il-materjal għall-applikant, u bis-saħħa ta' tali Ordni ta' Investigazzjoni, l-applikant jew kwalunkwe persuna awtorizzata minnu għandu jkollhom is-setgħa li jidħlu fi kwalunkwe dar, bini jew kompartiment bl-iskop li jfittxu dak il-materjal.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fir-rigward ta' Ordni ta' Investigazzjoni.

(3) Fejn il-materjal soġġett għal Ordni ta' Investigazzjoni jikkonsisti f'informazzjoni li tinsab f'kompjuter, l-Ordni ta' Investigazzjoni għandu jkollha effett bħala ordni biex tipproduċi jew tagħti aċċess għal dak il-materjal f'forma li fiha jista' jinqabad u li fiha tkun tidher u leġġibbli.

(4) Fejn fil-kors ta' investigazzjoni, skont ordni taħt dan l-artikolu, il-persuna li tkun qiegħda tmexxi l-investigazzjoni għandha raġuni biex temmen li kwalunkwe persuna jista' jkollha informazzjoni rigward reat rilevanti, il-persuna li tmexxi l-investigazzjoni għandha titlob lil Maġistrat biex tisma' lil dik il-persuna taħt ġurament, u l-Maġistrat għandu minnufih jisma' lill-persuna taħt ġurament u jfassal proċès-verbal li jkun fih dik ix-xhieda, u l-proċès-verbal hekk imfassal u l-provi rreġistrati hemmhekk għandhom l-istess valur probatorju bħal dak magħmul minn proċès-verbal u evidenza rreġistrata fi proċeduri skont it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(5) Is-subartikolu (2) tal-artikolu 33 għandu japplika għal applikazzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Investigazzjoni u għad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali rigward kwalunkwe applikazzjoni bħal din.

(6) Fejn twettqet Ordni ta' Investigazzjoni, rapport tar-riżultat tal-investigazzjoni għandu jkun disponibbli wkoll għad-Direttur.

(7) (a) Fejn jidher lill-Avukat Ġenerali li Ordni ta' Investigazzjoni tista' twassal għall-iskoperta ta' materjal li jikkostitwixxi rikavat mill-kriminalità jew informazzjoni dwar il-post tagħhom, huwa jista' jitlob lill-qorti li l-persuna li tmexxi l-investigazzjoni tkun akkumpanjata mid-Direttur.

(b) Id-Direttur jista' meta jakkumpanja lill-persuna li tkun qiegħda twettaq l-investigazzjoni, jidħol f'xi dar, bini jew kompartiment, jew jimbarka fuq inġenju jew vettura soġġetta għall-investigazzjoni, skont is-subartikolu (1), jagħmel rekord ta' kwalunkwe materjal f'dik id-dar, bini jew post jew abbord l-inġenju jew ġewwa l-vettura li tista' tikkostitwixxi rikavat mill-kriminalità, u għal dan l-iskop għandu jkollu kwalunkwe materjal bħal dan fotografat, miżun, imkejjel u stmat minn esperti.

(ċ) Fejn il-preżenza tad-Direttur ma tkunx ġiet mitluba mill-Avukat Ġenerali skont il-paragrafu (a) u l-ħtieġa li d-Direttur jidħol fi kwalunkwe dar, bini jew kompartiment jew biex jitla' abbord kwalunkwe inġenju jew vettura jew biex imexxi kwalunkwe operazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu (b) tirriżulta lill-Avukat Ġenerali wara li tkun saret l-Ordni ta' Investigazzjoni, jew id-Direttur jinforma lill-Avukat Ġenerali b'dak il-bżonn wara li jirċievi rapport li jkun sar disponibbli għalih skont is-subartikolu (6), l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti biex tawtorizza lill-persuna li tkun qiegħda twettaq l-investigazzjoni biex terġa tidħol f'dik id-dar, bini jew post, jew biex timbarka tali inġenju jew tidħol f'dik il-vettura akkumpanjata mid-Direttur għall-iskop li twettaq l-operazzjonijiet skont kif imsemmija fil-paragrafu (b).

Ordni ta' Sekwestru.

35. (1) Fejn l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni raġonevoli biex jemmen li persuna (minn hawn 'il quddiem imsejħa"is-suspettat") hija ħatja ta' reat rilevanti, huwa jista' japplika lill-Qorti Kriminali għal ordni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Ordni ta' Sekwestru") li:

(a) tissekwestra f'idejn dawk il-persuni jew f'idejn il-partijiet terzi li għandhom kustodja tal-proprjetà ta' dawn il-persuni, li huma msemmija fir-rikors (minn hawn 'il quddiem imsejħa "s-sekwestratarji") kif imsemmi fl-applikazzjoni il-flejjes kollha jew proprjetà mobbli oħra li jappartjenu lil jew li għandhom jingħataw lis-suspettat jew użati mis-suspettat;

(b) teħtieġ li s-sekwestratarji jiddikjaraw bil-miktub lill-Avukat Ġenerali u lid-Direttur, mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-ħin tan-notifika tal-ordni, in-natura u s-sors tal-flejjes kollha u l-proprjetà mobbli oħra hekk mehmuża; u

(ċ) tipprojbixxi lis-suspettat milli jittrasferixxi jew

jiddisponi b'xi mod ieħor minn kwalunkwe proprjetà mobbli jew immobbli.

(2) Qabel ma tagħmel Ordni ta' Sekwestru, il-Qorti Kriminali tista' titlob li tisma' lill-Avukat Ġenerali fis-sigrieta u ma għandhiex tagħmel tali Ordni sakemm ma taqbilx miegħu li hemm raġuni raġonevoli kif stipulat fis-subartikolu (1).

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 381(1)(a), (b), (e) u (2) u l-artikolu 382(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-Ordni ta' Sekwestru kemm jekk maħruġa taħt dan l-Att kif ukoll jekk maħruġa taħt xi liġi oħra fl-Ewwel Taqsima tal-Iskeda. Kap. 12.

(4) (a) Ordni ta' Sekwestru għandha tiġi notifikata fuq is-sekwestrant u fuq is-suspettat minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva.

(b) Ordni ta' Sekwestru tista' wkoll tkun notifikata fuq is-sekwestranti bil-posta elettronika. Meta jkun notifikat dan, is-sekwestrant għandu, mhux aktar tard minn ġurnata (1) tax-xogħol minn tali servizz, jirrikonoxxi l-irċevuta bil-posta elettronika tar-ritorn, u fin-nuqqas ta' tali konferma, kopja tal-Ordni għandha, mingħajr preġudizzju għall-validità tas-servizz permezz ta' mezzi elettroniċi, tiġi notifikata fuq is-sekwestrant minn uffiċjal tal-pulizija eżekuttiva.

(ċ) Sakemm il-Qorti Kriminali ma tordnax mod ieħor, Ordni ta' Sekwestru għandha tiġi notifikata mingħajr avviż minn qabel lis-sekwestrant.

(5) Ordni ta' Sekwestru għandha, sakemm ma tkunx revokata qabel mill-Avukat Ġenerali b'avviż bil-miktub notifikat lis-suspettat u lis-sekwestrant, tieqaf topera fis-sitt (6) xhur mid-data li ssir, u l-Qorti Kriminali ma għandhiex tordna Ordni ta' Sekwestru oħra fir-rigward tas-suspettat sakemm ma tkunx sodisfatta li hemm informazzjoni sostanzjalment ġdida fir-rigward tar-reat relattiv rilevanti:

Iżda l-Qorti Kriminali tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, meta tkun sodisfatta li jeżistu raġunijiet suffiċjenti, testendi l-validità ta' Ordni ta' Sekwestru għal perjodu ieħor ta' sitt (6) xhur.

(6) Meta matul il-perjodu ta' validità ta' Ordni ta' Sekwestru, kemm jekk oriġinali kif ukoll estiż, is-suspettat jaħrab jew ikun għal xi raġuni oħra 'l bogħod mill-gżira, il-perjodu ta' żmien li matulu s-suspettat huwa 'l bogħod mill-gżira għandu jiżdied mal-perjodu ta' validità tal-Ordni ta' Sekwestru.

(7) Meta l-Avukat Ġenerali japplika għall-ħruġ ta' Ordni ta'

Sekwestru kif provdut fis-subartikolu (1), huwa jista' jitlob lill-Qorti li toħroġ l-Ordni biex tawtorizza lid-Direttur biex jakkumpanja lill-persuna li taqdi l-Ordni ta' Sekwestru fuq is-suspettat, u fuq is-servizz tal-Ordni fuq is-suspettat id-Direttur għandu jkollu d-dritt jidħol, akkumpanjat minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva, f'kull dar, bini jew post ieħor jew abbord kwalunkwe inġenju jew jidħol fi kwalunkwe vettura, li tappartjeni jew użata mis-suspettat, jew fejn huwa suspettat li s-suspettat jista' jkollu proprjetà jew assi oħra li jikkostitwixxu l-proprjetà soġġetta għal konfiska, u b'hekk jagħmel rekord ta' kwalunkwe materjal li jista' jikkostitwixxi tali proprjetà. Id-Direttur jista' għal dan il-għan ikollu materjal bħal dan fotografat, miżun, imkejjel u stmat minn esperti.

(8) Id-Direttur jista' wkoll ineħħi u jieħu pussess ta' kwalunkwe materjal imsemmi fis-subartikolu preċedenti, u dak il-materjal għandu jibqa' mehmuż bl-Ordni f'idejn id-Direttur matul il-perjodu ta' validità tal-Ordni ta' Sekwestru:

Iżda fejn id-Direttur jieħu l-pussess ta' kwalunkwe materjal kif intqal qabel, mhux aktar tard minn ġimgħa (1) wara li ħa tali pussess huwa għandu jinforma lill-Qorti Kriminali b'dak li ħa l-pussess tiegħu u jitlob lill-awtorità biex ikompli jżomm il-pussess tal-materjal matul il-perjodu ta' validità tal-Ordni ta' Sekwestru. L-applikazzjoni tad-Direttur għandha tiġi notifikata lis-suspettat u lil kull persuna li mill-pussess tagħha jkun tneħħa l-materjal. Il-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi t-talba permezz ta' digriet, u meta fid-digriet tagħha tirrifjuta li tilqa' t-talba tad-Direttur, kollha jew parzjalment, id-Direttur għandu fi żmien mhux aktar minn ġimgħa (1) jirritorna l-materjal li għalih ir-rifjut jirreferi, lill-persuna li mill-pussess tagħha tneħħa:

Iżda wkoll kull materjal li għalih jirreferi r-rifjut għandu, sakemm l-imsemmija qorti fid-digriet tagħha ma tiddeċidix mod ieħor, jibqa' soġġett għall-Ordni ta' Sekwestru msemmija fis-subartikolu (1).

(9) Fejn l-Avukat Ġenerali f'talba msemmija fis-subartikolu (7) ma jitlobx li d-Direttur jakkumpanja lill-persuna li tinnotifika l-Ordni ta' Sekwestru kif hemm provdut fiha, id-Direttur jista' fi kwalunkwe ħin matul il-validità tal-Ordni ta' Sekwestru jitlob lill-Qorti Kriminali biex tawtorizzah akkumpanjat minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva biex jidħol f'xi dar, bini jew post jew biex jitla' abbord kwalunkwe inġenju jew vettura kif imsemmi fis-subartikolu (7) u hemmhekk iwettaq l-operazzjonijiet imsemmija f'dak l-imsemmi subartikolu. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' dħul mid-Direttur awtorizzat taħt dan is-subartikolu.

(10) (a) Meta kwalunkwe materjal ikun miżmum f'idejn is-

sekwestrant bis-saħħa ta' Ordni ta' Sekwestru maħruġa skont dan l-artikolu, id-Direttur jista' jitlob lill-Qorti Kriminali biex tordna lis-sekwestrant biex jittrasferixxi l-materjal kollu jew kull materjal miżmum f'idejn is-sekwestrant, fil-pussess tad-Direttur, fiż-żmien li l-imsemmija qorti tista' fid-digriet tagħha tippreskrivi, u wara dan it-trasferiment dak il-materjal għandu jibqa' soġġett għall-Ordni ta' Sekwestru f'idejn id-Direttur.

(b) In-nuqqas ta' xi persuna li tosserva Ordni maħruġa taħt dan is-subartikolu għandu jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti u għandu jkun punibbli bħala tali mill-Qorti Kriminali:

Iżda kwalunkwe piena li l-imsemmija qorti tista' timponi m'għandhiex teħles lill-persuna li ma ssewgix dik l-Ordni minn kull responsabbiltà għal danni kawżati min-nuqqas tagħha li tikkonforma mal-Ordni favur xi persuni.

(11) (a) Fejn azjenda kummerċjali jew korp magħqud huwa soġġett għal Ordni ta' Sekwestru, it-totalità tal-assi tal-azjenda, inklużi liċenzji u avvjament għandhom jiġu ppreservati u ma għandhomx jiġu trasferiti, u soġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu, l-azjenda jew korp magħqud għandu jkompli bin-negozju.

(b) Fejn l-azjenda kummerċjali jew korp magħqud ikun miżmum minn Ordni ta' Sekwestru, il-Qorti Kriminali tista', fuq talba magħmula mid-Direttur u wara li tisma' lis-suspettat, taħtar Amministratur ġeneralment għall-preservazzjoni aħjar tal-assi tal-azjenda kummerċjali jew korp magħqud u b'mod partikolari biex tipprovdi għal amministrazzjoni. Id-dispożizzjoni tal-artikolu 848B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tapplika fir-rigward ta' applikazzjoni u l-ħatra ta' amministratur taħt dan is-subartikolu. Kap. 12.

(12) Fejn il-proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Sekwestru hija ta' natura li titħassar, il-persuna li għandha l-proprjetà għandha mingħajr aktar awtorizzazzjoni tbigħ dik il-proprjetà, u l-Ordni ta' Sekwestru għandha tibqa' tapplika fir-rigward tal-qligħ ta' dan il-bejgħ.

(13) Id-Direttur huwa marbut li jeżerċita għas-salvagwardja ta' kwalunkwe proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Sekwestru, miżmuma fil-pussess tiegħu, dik il-kura eżerċitata minn *bonus paterfamilias*.

36. (1) Meta persuna tkun akkużata b'reat rilevanti, il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tagħmel Ordni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Ordni ta' Qbid u Iffriżar") billi: Ordni ta' Qbid u Iffriżar.

(a) żżomm f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija

tal-akkużat, u

(b) tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu:

Iżda l-Qorti għandha fuq l-applikazzjoni tal-akkużat notifikata lill-prosekuzzjoni u d-Direttur tiddetermina liema flus jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-akkużat matul is-sussistenza ta' tali ordni, billi tispeċifika s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji tas-sigurtà soċjali li għandhom jitħallsu lill-akkużat, li jippermettu lilu u lill-familja tiegħu jgħixu diċenti fl-ammont, fejn il-mezzi jippermettu sitt mitt euro (€600) kull ħmistax (15)-il ġurnata. Fl-ebda każ, madanakollu, dawn il-ħlasijiet ma jistgħu isiru minn fondi li għalihom hemm raġuni raġonevoli biex wieħed jemmen li kienu ttieħdu minn vittmi ta' kriminalità li jistgħu jirkupraw din il-proprjetà jekk l-akkużat ikun misjub ħati.

(2) Ordni ta' Qbid u Iffriżar għandha tkun minnufih notifikata lid-Direttur u għandha:

(a) issir operattiva u torbot fuq il-partijiet terzi kollha immedjatament meta tinħareġ u d-Direttur għandu jikkawża li l-avviż tagħha jiġi ppubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta u jikkawża wkoll li kopja tiegħu tiġi rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku, fir-Reġistru tal-Artijiet u f'kull reġistru ieħor stabbilit bil-liġi għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà ta' kwalunkwe tip. Kopja ta' tali ordni għandha tiġi notifikata wkoll lil kull persuna li l-prosekuzzjoni jew id-Direttur jistgħu jindikaw; u

(b) tibqa' fis-seħħ sad-determinazzjoni finali tal-proċeduri u fil-każ ta' sejba ta' ħtija sakemm is-sentenza tkun ġiet eżegwita.

(3) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), sentenza għandha titqies li ġiet eżegwita meta l-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima V għall-finijiet tal-istabbiliment ta' kemm-il persuna kkundannata bbenefikat mir-rikavat mill-kriminalità, u għall-irkupru ta' tali rikavat ġew mitmuma.

(4) Il-Qorti tista', fuq applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu hekk, tvarja tali ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu msemmija hawn fuq għandhom japplikaw għal tali ordni varjata.

(5) Kull ordni bħal dan għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-akkużat, il-professjoni tiegħu, il-kummerċ jew l-istatus ieħor, l-isem tal-missier, l-isem tal-omm u kunjomha xebba, il-post tat-twelid u l-post tar-residenza u numru ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk ikun hemm.

(6) Fejn xi flus huma jew isiru dovuti lill-akkużat minn xi persuna waqt li dik l-ordni tkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jiġix ordnat mod ieħor fl-ordni, jiġu ddepożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat. Malli jsir id-depożitu kif intqal qabel, l-ordni għandha tapplika fir-rigward tad-depożitu li jkun sar.

(7) Fejn tali ordni ma tibqax fis-seħħ kif provdut fis-subartikolu (2)(b), id-Direttur għandu jikkawża avviż għal dak l-effett li jkun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u fir-reġistri l-oħra msemmija fis-subartikolu (2)(a) u s-subartikolu (3), u jippubblika avviż għal dak l-effett fil-Gazzetta. Kopja ta' dan l-avviż għandha tiġi notifikata wkoll lil kull persuna li kienet notifikata b'kopja tal-ordni ta' Qbid u Iffriżar skont is-subartikolu (2)(a).

(8) Fejn il-Qorti ma tipproċedix minnufih biex tagħmel ordni kif meħtieġ skont is-subartikolu (1), il-Qorti għandha minnufih tagħmel Ordni temporanja ta' Qbid u Iffriżar bl-istess effett bħal ordni magħmula taħt id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu. L-Ordni Temporanja tal-Qbid u l-Iffriżar magħmula taħt dan is-subartikolu għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti tagħmel l-ordni meħtieġa minn dak is-subartikolu jew sakemm il-Qorti Kriminali tkun iddeterminat applikazzjoni skont is-subartikolu (9) jew sakemm l-imsemmija Qorti Kriminali ma tkunx revokatha skont is-subartikolu (10):

Iżda Ordni ta' Qbid u Iffriżar Temporanja ma tibqax fis-seħħ lil hinn mill-ħin meta Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont is-subartikolu (2)(b) ma tibqax fis-seħħ.

(9) Meta għal kwalunkwe raġuni tkun xi tkun il-Qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni skont is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista' fi żmien tlett (3) ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti japplika lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-Qorti taħt is-subartikolu (1).

(10) Il-persuna akkużata tista', fi żmien tlett (3) ijiem ta' xogħol minn meta ssir l-ordni skont is-subartikolu (8), titlob lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-Ordni Temporanja tal-Qbid u l-Iffriżar.

(11) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (7) sa (13) tal-artikolu 35 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fil-każ ta' Ordni ta' Qbid u Iffriżar magħmula taħt dan l-artikolu.

Sussistenza ta' ordnijiet f'ċerti ċirkostanzi.

37. Meta wara li persuna tkun ġiet akkużata b'reat rilevanti dik il-persuna taħrab, jew tmut, jew fejn minħabba mard proċeduri kontriha ma jistgħux jinġiebu għal konklużjoni, kwalunkwe ordni magħmula minn Qorti taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att għandha fuq applikazzjoni magħmula għal dak l-iskop mill-Avukat Ġenerali jew mid-Direttur tibqa' fis-seħħ sakemm jiġu konklużi l-proċeduri skont l-artikolu 42 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

TAQSIMA V
Proċeduri Speċjali Quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)

Determinazzjoni tal-proprjetà soġġetta għall-konfiska.

38. (1) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti, id-Direttur jista' permezz ta' applikazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) notifikata fuq il-persuna misjuba ħatja jew ir-rappreżentant legali tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa "persuna kkundannata") titlob lill-imsemmija Qorti biex tiddetermina liema proprjetà hija soġġetta għall konfiska, inkluż l-ammont tar-rikavat mill-kriminalità mwettaq mill-persuna hekk misjuba ħatja.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard minn sena (1) mid-data meta s-sentenza li tkun sabet il-ħtija tal-persuna kkundannata tkun *res judicata*.

(3) L-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) għandu jkollha referenza għas-sentenza li ssib il-ħtija tal-persuna misjuba ħatja, il-fatti tal-każ, kif ukoll l-ismijiet tax-xhieda b'appoġġ għall-applikazzjoni kif ukoll il-fatti li huma mfittxija li jiġu stabbiliti mill-evidenza ta' kull wieħed minn dawn ix-xhieda, kif ukoll minn lista tad-dokumenti kollha bħala appoġġ għall-applikazzjoni.

(4) Id-Direttur għandu wkoll jehmeż mal-applikazzjoni lista ta' proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni li huwa jiddikjara li tappartjeni lill-persuna kkundannata kemm jekk dik il-proprjetà tinżamm f'isem dik il-persuna jew f'isem ħaddieħor u kull fejn tinżamm, flimkien ma' dikjarazzjoni li turi x'inhu fl-opinjoni tiegħu l-ammont tar-rikavat mill-kriminalità mwettaq mill-persuna misjuba ħatja:

Iżda meta r-reat rilevanti msemmi fis-subartikolu (1) ikun offiża kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew l-Att dwar il-Money Laundering, allura mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Atti l-proprjetà kollha tal-persuna misjuba ħatja tkun, kemm-il darba ma

Kap. 101.
Kap. 31.

Kap. 373.

jiġix ippruvat mod ieħor, titqies li hija rikavat mill-kriminalità.

(5) Il-persuna kkundannata għandha fit-tweġiba tagħha għall-applikazzjoni tad-Direttur tiddikjara jekk u sa fejn taċċetta t-talbiet tad-Direttur. Barra minn hekk, ir-risposta għandha tinkludi lista ta' xhieda b'appoġġ għall-każ tiegħu kif ukoll tal-fatti li huma mfittxija li jkunu stabbiliti mill-evidenza tagħhom kif ukoll lista tad-dokumenti kollha bħala appoġġ għall-applikazzjoni.

(6) Il-persuna misjuba ħatja għandha barra minn hekk tipproduċi lista tal-proprjetà kollha tagħha ta' kull deskrizzjoni u jekk tinżammx f'isimha jew f'isem ħaddieħor, u jekk hijiex miżmuma f'Malta jew barra, flimkien ma' dikjarazzjoni li turi x'inhu fl-opinjoni tagħha l-ammont ta' qligħ, jekk hemm, magħmul permezz ta' rikavat mill-kriminalità.

(7) Meta tinstab proprjetà li tappartjeni lill-persuna misjuba ħatja imma ma ġietx inkluża fid-dikjarazzjoni magħmula minnha skont termini tas-subartikolu (6), din il-proprjetà għandha tkun imħollija lill-Gvern.

(8) Dikjarazzjoni dwar it-tneħħija ta' kwalunkwe proprjetà kif imsemmi fis-subartikolu (7) għandha ssir fis-sentenza fuq l-applikazzjoni, jekk l-eżistenza ta' din il-proprjetà tkun stabbilita matul il-proċeduri fuq l-applikazzjoni. Meta dik il-proprjetà tiġi skoperta wara li dawn il-proċedimenti jiġu ffinalizzati, id-Direttur jista', f'kull ħin iżda mhux aktar tard minn sitt (6) snin wara t-tmiem tal-imsemmija proċedura permezz ta' applikazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi), jitlob lill-imsemmija Qorti biex tiddikjara dik il-proprjetà mħollija għall-Gvern u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal kwalunkwe applikazzjoni jew applikazzjonijiet magħmula wara t-tmiem tal-proċeduri oriġinali.

(9) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti li jistabbilixxu b'mod ġenerali l-mod kif il-lista ta' proprjetà għandha titfassal skont is-subartikoli (4) u (6) u b'mod partikolari għandu jiddikjara liema kategorija ta' oġġetti għandha tiġi elenkata separatament u liema jistgħu jinġabru flimkien.

(10) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jipprekludi lid-Direttur u lill-persuna kkundannata milli jaslu għal ftehim dwar ir-rikavat mill-kriminalità magħmul mill-persuna misjuba ħatja. Dan il-ftehim għandu jiġi rreġistrat f'att pubbliku fejn is-somma hekk miftiehma għandha tikkostitwixxi dejn ċivili dovut lill-Gvern mill-persuna misjuba ħatja.

(11) (a) Is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) li tiddikjara li proprjetà speċifika hija soġġetta għall-konfiska

għandha tikkostitwixxi ordni ta' konfiska li tittrasferixxi t-titolu ta' tali proprjetà lill-Gvern ta' Malta.

(b) Jekk il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) issib li l-persuna misjuba ħatja kisbet rikavat mill-kriminalità li jaqbeż ir-rikavat mill-kriminalità inkluż fil-proprjetà speċifika kkonfiskata skont il-paragrafu (a), is-sentenza għandha tiddikjara l-imsemmija persuna misjuba ħatja bħala d-debitur tal-Gvern sal-punt tad-differenza bejn il-proprjetà speċifika kkonfiskata bħala l-qligħ tal-kriminalità mit-total tal-qligħ tal-kriminalità msemmija li l-persuna kisbet, direttament jew indirettament, mir-reat.

(ċ) Sal-punt li l-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska tinkludi proprjetà oħra għajr ir-rikavat mill-kriminalità, il-Qorti għandha tiżgura li l-konfiska ta' dik il-proprjetà ma tkunx sproporzjonata ħafna għall-gravità tar-reat jew reati li jagħtu lok għal ordni ta' konfiska.

(d) Fejn aktar minn persuna waħda tkun misjuba ħatja għal reat, kull persuna misjuba ħatja hija responsabbli *in solidum* għar-rikavat totali ta' reat miksub minn xi waħda minnhom, ħlief li:

(i) il-Gvern ma jistax jirkupra aktar mir-rikavat totali tar-reat, u

(ii) fil-każ ta' persuna misjuba ħatja li r-rwol tagħha fir-reat kien inċidentali meta mqabbel mar-rwoli tal-persuni l-oħra misjuba ħatja, il-qorti trid tikkunsidra sa liema punt tagħmel lil dik il-persuna *in solidum* responsabbli għall-qligħ totali tad-delitt ikun sproporzjonat ħafna għar-rwol tagħha fir-reat.

Drittijiet ta' partijiet terzi.

39. (1) Fejn kwalunkwe persuna tiddikjara li hija s-sid ta' kwalunkwe proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont it-Taqsima IV, jew tiddikjara li għandha drittijiet fuq dik il-proprjetà, jew tiddikjara li hi s-sid ta' proprjetà konfiskata skont l-artikolu 38, dik il-persuna tista' tapplika quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) biex tiddikjara li l-imsemmija proprjetà tappartjeni lilha, jew li għandha d-drittijiet mitluba fuq dik il-proprjetà, u l-Qorti għandha, wara li tkun sodisfatta permezz tal-prova prodotta minn tali persuna li l-applikant huwa s-sid tal-proprjetà, kif it-terminu huwa definit fl-artikolu 2, tiddikjara li l-proprjetà tappartjeni lill-applikant u ma tibqax soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar jew Konfiska, u meta l-Qorti bl-istess mod tkun sodisfatta li l-applikant għandu d-drittijiet fuq il-proprjetà, hija għandha tiddikjara l-proprjetà maqbuda, konfiskata jew iffriżata bħala soġġetta għal dawk id-drittijiet.

(2) (a) Il-Qorti ma għandhiex tkun sodisfatta li kwalunkwe proprjetà li kienet fil-pussess ta' jew li tgawdiet mill-persuna misjuba

ħatja tappartjeni lill-applikant, jekk it-titolu għal dik il-proprjetà kien meħtieġ mil-liġi biex jiġi rreġistrat, u ma kienx, mingħajr raġuni ġusta li tiġi ppruvata mill-applikant reġistrata qabel il-bidu tal-proċeduri kontra l-persuna misjuba ħatja.

(b) Id-dispożizzjoni tal-paragrafu (a) għandha tapplika wkoll meta t-titolu jkun ġie rreġistrat qabel il-bidu tal-proċedimenti, iżda wara data meta l-persuna misjuba ħatja kienet taf, jew raġonevolment jista' jiġi preżunt li kienet taf, li kienet qiegħda tiġi investigata jew imħarrka.

(3) (a) Jekk il-proprjetà tinstab li hija rikavat mill-kriminalità, l-ebda oġġezzjoni minn parti terza għall-Qbid, Iffriżar jew Konfiska tal-proprjetà ma tista' ssir ħlief għall-oġġezzjoni ta' xerrej *bona fide* għall-valur kif deskritt fis-subartikolu (4).

(b) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura li tista' tittieħed għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna taħt it-Taqsima VIII , jekk il-proprjetà tkun tiffaċilita proprjetà jew hija proprjetà involuta f'reat ta' money laundering għajr ir-rikavat mill-kriminalità, l-ebda oġġezzjoni minn parti terza għall-Qbid, Iffriżar jew Konfiska tal-proprjetà ma tista' ssir ħlief għall-oġġezzjoni ta' xerrej *bona fide* għall-valur kif deskritt fis-subartikolu (4), jew ta' terza persuna li kienet is-sid ta' proprjetà qabel jew fil-ħin tar-reat li jagħti lok għall-Qbid, Iffriżar jew Konfiska tal-proprjetà.

(4) Meta l-applikant jiddikjara li akkwista l-proprjetà jew id-dritt fuqha b'titolu oneruż jew f'tranżazzjoni kummerċjali, huwa għandu jkun mitlub jipprova li ħallas il-prezz ġust tiegħu, fuq tranżazzjoni arm's length u li ma għandu l-ebda raġuni għaliex jemmen li l-proprjetà kienet soġġetta għall-konfiska fiż-żmien li hu kellu interess fiha.

(5) Meta l-proprjetà tkun magħmula minn immobbli u l-applikant jiddikjara li hemm wegħda ta' bejgħ relatata magħha, magħmula qabel il-proċeduri li wasslu għall-kundanna tal-persuna misjuba ħatja, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha fl-għażla tad-Direttur:

(a) tippermetti li l-bejgħ ikompli bil-kondizzjoni li l-qligħ tal-bejgħ għandu jiġi depożitat mill-applikant fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) u s-somma hekk depożitata għandha tkun soġġetta għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, minflok il-proprjetà mibjugħa skont il-ftehim tal-wegħda tal-bejgħ; jew

(b) tagħti lid-Direttur id-dritt li l-proprjetà tiġi trasferita f'isem il-Gvern, bl-istess termini provduti fil-wegħda tal-bejgħ, bil-kondizzjoni li d-Direttur iħallas lill-applikant kumpens ġust u raġonevoli li ma

jkunx aktar minn ħamsa fil-mija (5%) tal-prezz għat-trasferiment kif miftiehem fil-wegħda tal-bejgħ, kif tista' tiddetermina l-Qorti.

(6) Fl-istima tagħha tal-prova miġjuba minn parti terza li titlob proprjetà jew drittijiet fuqhom skont dan l-artikolu, il-Qorti għandha tikkunsidra kif jixraq il-familja, negozju jew relazzjoni oħra bejn il-persuna misjuba ħatja u l-applikant, l-użu li qiegħed isir tal-proprjetà, inkluż l-identità tal-persuni li eżerċitaw dominju u kontroll fuq il-proprjetà, l-identità tal-persuni li ħallsu l-assigurazzjoni, taxxi, jew spejjeż ta' manutenzjoni tal-proprjetà u s-sorsi ta' tali ħlasijiet, il-mezzi tal-persuna li titlob il-proprjetà u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jistgħu jaffettwaw il-kredibilità tat-talba.

Assi tal-akkużat f'idejn, jew f'isem partijiet terzi.

40. (1) Fejn jidher lid-Direttur li kwalunkwe proprjetà f'idejn jew f'isem persuna, barra l-persuna misjuba ħatja, fil-fatt tappartjeni għall-persuna misjuba ħatja u mhux għall-persuna li żżomm il-proprjetà jew il-persuna li f'isimha tinżamm il-proprjetà, l-imsemmi Direttur jista' permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) kontra l-persuna li għandha l-proprjetà jew li f'isimha tinżamm jitlob lill-imsemmija Qorti biex tiddikjara li l-proprjetà ma tappartjenix għal dik il-persuna imma għall-persuna misjuba ħatja.

(2) Id-Direttur għandu jipproduċi l-evidenza kollha b'appoġġ għat-talba tiegħu u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) tal-artikolu 39 għandhom jiġu applikati mill-Qorti meta tevalwa l-evidenza mressqa quddiemha.

(3) Id-Direttur ma jistax jagħmel applikazzjoni taħt din it-Taqsima wara li jgħaddu għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza li tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għar-reat rilevanti jew mid-data li fiha jiġi stabbilit li l-proċeduri ma jistgħux jiġu konklużi minħabba l-mewt jew mard tal-akkużat jew għaliex l-akkużat ħarab.

(4) Meta l-proprjetà soġġetta għall-konfiska tkun proprjetà konġunta tal-persuna misjuba ħatja u terza persuna, il-qorti għandha tiddetermina l-iktar mezz effettiv biex tippermetti lill-Gvern jikkonfiska l-interess tal-persuna misjuba ħatja mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tat-terza persuna. Dawn il-mezzi jistgħu jinkludu l-ordni tal-bejgħ tal-proprjetà u d-diviżjoni tal-qligħ tal-bejgħ bejn il-Gvern u l-parti terza.

Determinazzjoni ta' ħlasijiet permessi.

41. (1) L-applikazzjonijiet skont il-proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 36 u skont is-subartikolu (4) tal-imsemmi artikolu għandhom jiġu notifikati lid-Direttur u, sakemm l-applikant ma jkunx l-akkużat, lill-akkużat. Tali applikazzjonijiet għandhom jinstemgħu b'urġenza u l-Qorti Kriminali tista' tordna li t-

termini għal kwalunkwe risposta jew proċeduri oħra jiġu mqassra.

(2) Meta tiddetermina jekk is-somma ta' mhux aktar minn sitt mitt euro (€600) kull ħmistax (15)-il ġurnata għandha titħallas lill-akkużat skont l-imsemmi proviso għall-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 36, il-Qorti għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet attwali tal-akkużat u d-disponibbiltà ta' mezzi oħra għas-sussistenza tiegħu.

Fejn l-akkużat jaħrab eċċ.

42. (1) Meta, wara li persuna tkun ġiet akkużata b'reat rilevanti, dik il-persuna taħrab jew tmut, jew fejn minħabba l-marda tagħha l-proċedimenti kontriha ma jistgħux jiġu konklużi, id-Direttur jista' jressaq azzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) li tiddikjara li abbażi tal-provi mressqa quddiem il-Qorti mid-Direttur, il-proċedimenti, kieku waslu għall-konklużjoni, kienu jirriżultaw f'kundanna.

(2) Azzjoni għal dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) tista' wkoll titressaq meta l-persuna suspettata ma tkunx ġiet akkużata, minħabba li tmut jew taħrab qabel il-prosekuzzjoni tista' takkużaha:

Iżda ebda azzjoni ma tista' tinbeda fuq il-bażi ta' dan l-artikolu, wara li jgħaddu sitt (6) snin mid-data tal-mewt tal-persuna suspettata, jew mid-data meta jiġi skopert li hija ħarbet.

(3) Azzjoni fuq il-bażi tas-subartikoli (1) u (2) għandha titressaq kontra l-eredi tal-akkużat, jekk mejta, jew kontra kuraturi nominati biex jirrappreżentaw lill-akkużat jew, fejn applikabbli r-rappreżentant legali tal-akkużat li jista' f'kull każ jipproduċi dawn ix-xhieda u tipproduċi l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jirribatti t-talbiet tad-Direttur.

(4) Dikjarazzjoni skont is-subartikoli (1) u (2), għall-finijiet tal-artikolu 38, titqies bħala kundanna, iżda ma għandhiex twassal għal konsegwenzi ta' natura kriminali.

(5) Għall-finijiet ta' azzjoni taħt l-artikolu 38 fuq il-bażi ta' sentenza skont dan l-artikolu, it-terminu ta' sena (1) imsemmi fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 38 għandu jibda jiddekorri mid-data meta s-sentenza fl-azzjoni skont is-subartikoli (1) u (2) saret *res judicata*.

TAQSIMA VI
Konfiska Bbażata Fuq Nuqqas ta' Kundanna

Għan ta' din it-Taqsima u applikabbiltà.

43. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), din it-Taqsima tistabbilixxi miżuri preventivi li jikkonsistu f'konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna maħsuba biex jipprovdu għall-irkupru ta'

proprjetà soġġetta għal konfiska f'sitwazzjonijiet fejn, fil-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, ma huwiex meħtieġ jew aħjar ma huwiex xieraq li tiġi rkuprata dik il-proprjetà permezz ta' konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna fi prosekuzzjoni kriminali, u dan f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-awtur jaħrab jew ma jkunx f'Malta;

(b) fejn l-awtur huwa mejjet; jew

(ċ) fejn l-awtur imut qabel il-konklużjoni ta' proċeduri kriminali.

(2) Proprjetà soġġetta għall-konfiska taħt din it-Taqsima hija proprjetà li, fi kwalunkwe mill-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1), hija r-rikavat derivat mill-kategoriji ta' reati li ġejjin:

(a) reat jew reati speċifikati fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu f'Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi adottat fid-19 ta' Diċembru tal-1988 fi Vjenna riprodott (fil-lingwa Ingliża biss) fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att Kontra Money Laundering;

Kap. 373.

(b) terroriżmu, u finanzjar ta' terroriżmu, money laundering, tranżazzjonijiet illegali f'armi u armamenti, traffikar ta' bnedmin, u kwalunkwe reat ieħor f'Malta li jkollu piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn għaxar (10) snin;

(ċ) kwalunkwe reat imwettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata;

(d) ksur tas-sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

Kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

44. (1) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tkun kompetenti biex tisma' u tiddetermina l-materji kollha li jinqalgħu taħt din it-Taqsima jekk il-proprjetà soġġetta għall-konfiska tinstab f'Malta jew jekk ir-reat li jagħti lok għall-konfiska seħħ f'Malta.

(2) L-azzjonijiet taħt din it-Taqsima għandhom ikunu azzjonijiet *in rem* kontra l-proprjetà soġġetta għall-konfiska u mhux kontra individwi. L-oneru tal-prova meħtieġ fil-proċeduri taħt din it-Taqsima għandu jkun dak applikabbli fil-proċeduri ċivili.

(3) Il-Gvern jista' jibda azzjoni taħt din it-Taqsima biex jirkupra kwalunkwe proprjetà soġġetta għall-konfiska. Fi proċedura bħal din,

il-Gvern huwa r-rikorrent, il-proprjetà għandha tkun maħtura bħala r-*res* soġġetta għall-konfiska, u l-persuni li jikkontestaw il-konfiska huma intervenuti li jistgħu jintervjenu fl-azzjoni meta juru li għandhom interess ta' sjieda fil-proprjetà.

(4) L-oneru tal-prova għandu jkun fuq l-intervenut biex jistabbilixxi kwalunkwe difiża affermattiva skont l-artikolu 59. Inkella, l-oneru tal-prova għandu jkun fuq il-Gvern.

Prinċipji.

45. L-awtoritajiet pubbliċi li jimplimentaw din it-Taqsima għandhom ikunu gwidati mill-prinċipji li ġejjin:

(a) ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif imniżżel fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Att tal-Konvenzjoni Ewropea; Kap. 319.

(b) l-użu ta' miżuri preventivi li jikkonsistu f'konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna ta' proprjetà pprovduta f'din it-Taqsima għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' neċessità f'soċjetà demokratika u l-proporzjonalità;

(ċ) kunfidenzjalità fit-twettiq ta' kwalunkwe arranġamenti speċjali provduti minn din it-Taqsima;

(d) iż-żieda u l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni ta' arrikkiment mhux ġustifikat minn attività kriminali.

Relazzjoni ma' proċedimenti oħra.

46. (1) Miżuri preventivi provduti taħt din it-Taqsima għandhom ikunu applikabbli flimkien jew separatament.

(2) Il-proċedura għall-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi provduti taħt din it-Taqsima hija indipendenti mill-istituzzjoni ta' proċedimenti kriminali iżda tista' tintuża flimkien ma' jew paralleli ma' proċeduri kriminali.

(3) Jekk proprjetà ffriżata jew ikkonfiskata taħt din it-Taqsima hija wkoll soġġetta għal iffriżar jew konfiska skont kwalunkwe liġi kriminali f'każ kriminali pendenti, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tordna s-sospensjoni tal-iffriżar jew konfiska skont din it-Taqsima, jew *ex officio* jew fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew ta' xi parti interessata. Is-sospensjoni għandha tintemm meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) tiddeċiedi dwar l-irtirar jew l-estinzjoni tal-miżura li wasslet għas-sospensjoni.

Applikazzjoni.

47. Kull proprjetà soġġetta għall-konfiska li hija rikavat ta' reat, kif speċifikat fl-artikolu 43, kemm jekk tali reat twettaq Malta jew barra minn Malta, għandha tiġi kkonfiskata mill-Gvern skont din it-

Taqsima u bil-proċedura provduta fl-artikoli 48 sa 51 li ġejjin (inklużi).

Proċedura.

48. (1) Il-Gvern jista' jibda azzjoni skont din it-Taqsima billi jippreżenta applikazzjoni għall-konfiska fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi):

(a) fil-mument li jippreżenta r-rikors tiegħu, il-Gvern għandu jagħti avviż dwarha lil kull persuna li tidher li għandha interess ta' sjieda f'talba għal titolu fil-proprjetà soġġetta għall-konfiska. Meta dawn il-partijiet ikunu magħrufa u jkunu preżenti f'Malta, il-Qorti għandha tordna li jiġu notifikati bl-imsemmi avviż minn uffiċjal tal-qorti;

(b) jekk il-Gvern ma jkunx jista' jikseb indirizz validu għal persuna intitolata li tiġi notifikata skont il-paragrafu (a), għandu jipprovdi avviż permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta u f'żewġ (2) gazzetti ta' kuljum jew fuq l-internet bħalma l-Qorti tista' tidderieġi.

(2) Parti li tikkontesta l-konfiska tal-proprjetà ("l-intervenut") trid tippreżenta tweġiba li turi t-titolu tal-interess tagħha fil-proprjetà u l-ħin u l-mod li bih kisbet dak l-interess. Ir-risposta għandha tiġi ppreżentata fi żmien tletin (30) jum mid-data meta l-Gvern innotifika jew ippubblika avviż tal-applikazzjoni għall-konfiska jew dak iż-żmien l-ieħor li l-Qorti tista' tidderieġi.

(3) Fi kwalunkwe ħin qabel jew wara l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-konfiska, il-Gvern jista' jfittex li jaħtaf jew jiffriża proprjetà soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 36 li għandha tapplika *mutatis mutandis* għal din it-Taqsima.

(4) Jekk il-Gvern jikkontesta t-tweġiba ta' kwalunkwe persuna intervenjenti għal nuqqas ta' stabbiliment ta' interess ta' sjieda fil-proprjetà ta' dan it-titolu, il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq dik il-mozzjoni qabel ma tiddeċiedi fuq kwalunkwe kwistjoni oħra. Minkejja t-titolu għall-proprjetà, il-Qorti ma għandhiex tkun sodisfatta li terza persuna għandha interess ta' sjieda ta' titolu fuq il-proprjetà jekk issib li t-terza persuna tkun persuna nominata li ma eżerċitatx dominju effettiv u kontroll fuq il-proprjetà jew b'xi mod ieħor turi drittijiet ta' sjieda konsistenti ma' sjieda vera.

(5) (a) Jekk ħadd ma jippreżenta talba valida għall-proprjetà fil-forma ta' tweġiba għall-applikazzjoni, il-Qorti trid iddaħħal Ordni ta' Konfiska meta tkun taf li l-Gvern ikkonforma mal-proċedura biex jagħti avviż lir-rikorrenti potenzjali.

(b) Inkella, il-Qorti għandha ddaħħal Ordni ta' Konfiska jekk

tiddetermina fuq bilanċ tal-probabbiltajiet li l-Gvern stabbilixxa li l-proprjetà tkun soġġetta għall-konfiska, u li l-ebda persuna intervenjenti li titlob titolu jew dritt ieħor fuq il-proprjetà ma tkun stabbiliet difiża affermattiva skont l-artikolu 59.

(6) Sal-punt li l-proprjetà soġġetta għall-konfiska tinkludi proprjetà oħra għajr ir-rikavat mill-kriminalità l-Qorti għandha tiżgura li l-konfiska ta' din il-proprjetà ma tkunx sproporzjonata ħafna għall-gravità tar-reat jew reati li jagħtu lok għall-ordni ta' konfiska.

Difiża ta' partijiet terzi.

49. (1) Jekk il-Qorti ssib li l-Gvern laħaq l-oneru tiegħu li juri li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, il-persuna intervenjenti tista' turi li kienet is-sid tal-proprjetà u li l-proprjetà għandha tkun eżentata mill-konfiska għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) li l-persuna intervenjenti akkwistat is-sjieda tagħha fil-proprjetà bħala xerrej *bona fide* għall-valur kif deskritt fl-artikolu 39(4); jew

(b) jekk il-proprjetà tiffaċilita proprjetà jew hija proprjetà involuta f'reat ta' money laundering għajr il-qligħ ta' delitt, dik il-persuna intervenjenti kienet is-sid tal-proprjetà qabel jew fil-ħin tar-reat li wassal għall-konfiska tal-proprjetà u ma kenitx taf bl-użu illegali tal-proprjetà, jew wara li saret taf dwar l-użu illegali, ħadet il-passi kollha raġonevoli biex tevitaha.

(2) Il-persuna intervenjenti għandha l-oneru tal-prova fuq id-difiżi affermattivi deskritti fis-subartikolu (1).

Stħarriġ ġudizzjarju tal-konfiska.

50. (1) Id-deċiżjoni li taqa' jew li tiċħad il-konfiska għandha tiġi riveduta mill-qorti emittenti fuq talba tal-awtorità li tressaq, jew fuq talba ta' kwalunkwe parti oħra interessata, fi żmien ħames (5) snin minn meta ssir finali meta:

(a) tiġi ppreżentata evidenza ġdida li, li kieku ġiet ippreżentata fil-kawża, kienet tkun deċiżiva għas-sentenza;

(b) jiġu skoperti fatti u provi ġodda li jipprekludu l-eżistenza ta' kondizzjonijiet għal rikors tal-miżura ta' konfiska;

(ċ) id-deċiżjoni tal-konfiska kienet ibbażata fuq evidenza qarrieqa jew falza.

(2) Il-proċess ta' reviżjoni għandu jitwettaq mill-Qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni ta' konfiska ppreseduta minn imħallef jew imħallfin differenti.

Trasferiment ta' proprjetà konfiskata lill-Istat.

51. (1) Il-proprjetà kkonfiskata permezz ta' sentenza tal-qorti, skont din it-Taqsima, għandha tiġi trasferita lill-Gvern meta d-deċiżjoni tal-konfiska ssir finali.

(2) Ir-reġistratur tal-qorti kompetenti għandu jibgħat id-deċiżjoni finali tal-konfiska lill-Uffiċċju fi żmien tlett (3) ijiem.

(3) Fil-każ li d-deċiżjoni finali tal-konfiska tinqaleb aktar tard, is-sid jew il-pussessur tal-proprjetà għandhom ikunu kumpensati fil-limiti tal-valur tas-suq tal-proprjetà.

Prijorità u reviżjoni fil-pront.

52. Sabiex tiġi garantita s-sigurtà pubblika u l-proporzjonalità ta' kull miżura preventiva, kull deċiżjoni u azzjoni meħuda mill-awtoritajiet skont din it-Taqsima għandha tiġi ttrattata bi prijorità, mingħajr dewmien mhux ġustifikat u fl-iskadenzi stipulati.

Mandati eċċ.

53. Sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandhom ikunu eżegwibbli skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kull persuna tista' tiżgura drittijiet tagħha fi kwalunkwe kwistjoni fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Taqsima tal-Irkupru tal-Assi) bil-ħruġ ta' atti kawtelatorji msemmija fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi msemmi.

Kap. 12.

TAQSIMA VII
Koperazzjoni Internazzjonali

Relazzjonijiet ma' korpi barranin ekwivalenti.

54. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet ekwivalenti barra minn Malta u għandu skont dawk ir-regoli tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, jew skont dawn it-trattati, konvenzjonijiet jew ftehim applikabbli, bi kwalunkwe isem li jissejjaħ, jikkoopera ma' dawn l-istituzzjonijiet u jikkollabora u jieħu sehem f'dik l-istruttura li tista' tiġi stabbilita skont dawn ir-regoli, trattati, konvenzjonijiet jew ftehimiet.

Applikabilità tat-Taqsima IV fl-affarijiet transnazzjonali.

55. (1) Fejn skont u *ai termini* ta' kwalunkwe trattat, konvenzjoni jew ftehim, applikabbli għal Malta, jew fejn skont il-Liġi tal-Unjoni Ewropea, issir talba lill-Avukat Ġenerali jew lid-Direttur għall-monitoraġġ ta' kwalunkwe kont, l-investigazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni, it-twaħħil ta' kwalunkwe proprjetà jew il-qbid u l-iffriżar ta' kwalunkwe proprjetà f'Malta, minn awtorità ġudizzjarja, prosekuttiva jew amministrattiva ta' kwalunkwe post barra minn Malta, b'konnessjoni mal-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat ekwivalenti, jew b'rabta mal-infurzar ta' sentenza relattiva għal reat ekwivalenti, l-Avukat Ġenerali jew id-Direttur skont il-każ jista' jitlob lill-Qorti Kriminali tagħmel Ordni ta' Monitoraġġ, jew Ordni ta' Investigazzjoni, Ordni ta' Sekwestru u, jew, Ordni ta' Qbid u Iffriżar, skont u li jkollha l-effetti kollha kif provdut fit-Taqsima IV daqslikieku

r-reat ekwivalenti kien reat rilevanti.

(2) Għall-fini ta' din it-Taqsima, "reat ekwivalenti" huwa reat skont il-liġi tal-awtorità ġudizzjarja, prosekuttiva jew amministrattiva li tagħmel it-talba, bi kwalunkwe isem li tissejjaħ, li kieku kien ġie kommess f'Malta jikkostitwixxi reat rilevanti.

Ordnijiet ta' konfiska barranin.

56. (1) Ordni ta' konfiska magħmula minn qorti barra minn Malta għandha tkun infurzabbli f'Malta skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Meta d-Direttur skont il-Liġi tal-Unjoni Ewropea jew ma' dawn it-trattati, konvenzjonijiet jew ftehimiet applikabbli, applikabbli għal Malta bi kwalunkwe isem li jissejjaħ, jirċievi talba minn awtorità ġudizzjarja jew prosekuttiva ta' kwalunkwe post barra minn Malta għall-infurzar f'Malta ta' Ordni ta' Konfiska magħmula minn qorti kompetenti ta' ġuriżdizzjoni kriminali jew ċivili f'dak il-post (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Ordni ta' Konfiska Barranija"), id-Direttur jista' jressaq azzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) permezz ta' rikors li jinkludi talba għall-infurzar f'Malta tal-Ordni ta' Konfiska Barranija.

(3) Id-Direttur għandu jehmeż mal-applikazzjoni kopja tal-Ordni ta' Konfiska Barranija rilevanti, (u meta dik l-ordni tkun f'lingwa oħra barra l-Malti jew l-Ingliż, flimkien ma' traduzzjoni tal-Ordni għall-Malti jew Ingliż) flimkien ma' dawk id-dokumenti b'appoġġ tat-talba kif jista' jkun fil-poter tiegħu li jipproduċi u għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun biħsiebu jipproduċi, filwaqt li jindika fir-rigward ta' kull wieħed x'tip ta' prova biħsiebu jagħmel.

(4) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-persuna li l-proprjetà tagħha l-Ordni tal-Konfiska Barranija għandha l-intenzjoni li tikkonfiska, liema persuna għandha tippreżenta r-risposta tagħha fi żmien ħmistax (15)-il jum wara d-data ta' notifika tar-rikors. Ir-risposta għandha tinkludi lista tax-xhieda li l-intimat għandu l-intenzjoni li jipproduċi, filwaqt li jiddikjara fir-rigward ta' kull persuna xi prova huwa biħsiebu jagħmel u dokumenti li jista' jkun fil-poter tiegħu li jipproduċi.

(5) Il-Qorti għandha minnufih tistabbilixxi l-applikazzjoni għas-smigħ f'data bikrija, liema data fl-ebda każ ma tista' tkun aktar tard minn tletin (30) jum mid-data tal-preżentazzjoni tar-rikors jew mid-data tan-notifika tiegħu skont is-subartikolu (4), skont liema huwa l-aħħar.

(6) Meta ddaħħal ordnijiet biex tiġi infurzata l-Ordni ta' Konfiska Barranija, il-Qorti għandha tkun marbuta bis-sejbiet tal-fatt sal-punt li

jiġu ddikjarati fl-ordni barranija. Il-Qorti, madankollu ma għandhiex tordna l-infurzar f'Malta tal-Ordni ta' Konfiska Barranija jekk:

(a) l-intimat ma ġiex mgħarraf bil-proċeduri li wasslu għat-teħid tal-Ordni ta' Konfiska Barranija rilevanti, u ma kellux opportunità xierqa biex jikkontesta t-teħid tal-imsemmija Ordni;

(b) l-Ordni ta' Konfiska Barranija nkisbet minn frodi minn kwalunkwe persuna għall-preġudizzju tal-intimat;

(ċ) l-Ordni ta' Konfiska Barranija fiha xi dispożizzjoni li tmur kontra l-politika pubblika jew il-liġi pubblika interna ta' Malta; jew

(d) l-Ordni ta' Konfiska Barranija fiha dispożizzjonijiet kontradittorji;

(e) l-Ordni ta' Konfiska Barranija hija bbażata fuq żball manifest ta' liġi jew ta' fatt.

(7) Deċiżjoni mill-Qorti li tordna l-infurzar ta' Ordni ta' Konfiska Barranija għandu jkollha l-effett li tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta kull ħaġa u proprjetà li tkun tinsab f'Malta li l-konfiska tagħha ġiet ordnata fl-Ordni ta' Konfiska Barranija, bla ħsara għal kwalunkwe direzzjoni li l-Ministru jista' jagħti li tipprovdi għad-disponiment ulterjuri tal-oġġetti jew il-proprjetà hekk konfiskati.

(8) Id-deċiżjoni li tordna l-infurzar ta' Ordni ta' Konfiska Barranija li tipprovdi għall-konfiska ta' proprjetà immobbli għandu jkollha l-effett li tittrasferixxi dik il-proprjetà immobbli lill-Gvern ta' Malta, u għall-finijiet tal-artikolu 239 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-Direttur għandu jitqies bħala l-parti interessata li tista' tikseb ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment.

Kap. 12.

(9) Id-deċiżjoni li tordna l-infurzar ta' Ordni ta' Konfiska Barranija li tipprovdi għall-konfiska ta' proprjetà mhux speċifikata li l-valur tagħha jikkorrispondi għar-rikavat mill-kriminalità għandha, wara li tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru Pubbliku, toħloq mid-data tar-reġistrazzjoni ipoteki ġenerali rigward id-dejn li jammonta għall-valur ta' dan ir-rikavat. Il-valur ta' tali rikavat għandu jiġi ddeterminat b'rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) notifikat lis-sid tal-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata, skont id-dispożizzjonijiet, *mutatis mutandis*, tal-artikolu 38.

(10) Meta l-Ordni ta' Konfiska Barranija għandha x'taqsam mal-konfiska ta' somma ta' flus, espressa f'munita oħra għajr l-euro, is-somma li trid tiġi kkonfiskata għandha tkun l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'euro, skont ir-rata tal-kambju stabbilita mill-Bank Ċentrali

ta' Malta, operattiva fid-data tad-deċiżjoni li tordna l-infurzar.

(11) Id-Direttur jista', biex jiżgura kwalunkwe proprjetà li l-Ordni ta' Konfiska Barranija tirreferi għaliha, jew il-valur ta' dik il-proprjetà, japplika lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għall-ħruġ ta' kwalunkwe att kawtelatorju msemmi fl-artikolu 830 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(12) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"Ordni ta' Konfiska" tinkludi kull sentenza, deċiżjoni, dikjarazzjoni jew ordni oħra magħmula minn qorti barra minn Malta li tipprovdi jew tidher li tipprovdi għall-konfiska jew telf ta' proprjetà soġġetta għal konfiska, kemm jekk ibbażata fuq kundanna jew mhux ibbażata fuq kundanna;

"reat ekwivalenti" tfisser kull att jew ommissjoni bi kwalunkwe isem li jissejjaħ li jekk ikun imwettaq f'Malta jikkostitwixxi reat rilevanti; u

"rikavat mill-kriminalità" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 3, bħallikieku kwalunkwe referenza għaliha għal reat rilevanti kienet referenza għal reat ekwivalenti.

TAQSIMA VIII
Regolamenti, Reati u Penali

57. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-eżekuzzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel biex jirregola aktar il-proċeduri eżekuttivi u l-atti kawtelatorji msemmija f'dan l-Att u b'mod partikolari biex jipprovdu: Setgħa li jagħmel regolamenti.

(a) għall-kustodja aħjar tal-affarijiet maqbuda skont dawk il-mandati;

(b) għall-mod li bih għandu jitwettaq il-bejgħ ġudizzjarju b'irkant u b'mod partikolari l-pubbliċità mogħtija lil dan il-bejgħ kemm f'Malta kif ukoll barra, il-post fejn għandhom isiru, il-parteċipazzjoni ta' persuni fl-irkant permezz ta' mezzi elettroniċi, u jipprovdu biex il-bejgħ jitwettaq ukoll bl-assistenza ta' rkantatur kwalifikat; u

(ċ) għal kwalunkwe ħaġa oħra maħsuba biex tiżgura li l-aħjar prezz fis-suq jista' jinkiseb permezz ta' bejgħ b'irkant.

58. Kull min jiżvela informazzjoni akkwistata permezz tal-qadi ta' dmirijietu skont dan l-Att, għajr kif provdut fl-artikolu 26, għandu Żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni.

jkun ħati ta' reat kontra dan l-artikolu u, meta jinstab ħati, jista' jeħel multa li ma teċċedix tnax-il elf euro (€12,000) jew għal priġunerija li ma taqbiżx it-tnax (12)-il xahar jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Nuqqas li tipprovdi informazzjoni.

59. (1) Kull min jonqos milli jipprovdi informazzjoni mitluba mid-Direttur jew minn membru tal-persunal tad-Direttorat skont l-artikolu 16 fiż-żmien, oriġinali jew estiż, kif stipulat f'dak l-artikolu, għandu jkun ħati ta' reat kontra dan l-Att, u meta jinstab ħati jista' jeħel multa li ma taqbiżx it-tnax-il elf euro (€12,000) jew priġunerija li ma taqbiżx sena (1) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha, il-qorti tista', fuq talba tad-Direttur, tordna lill-persuna misjuba ħatja li tipprovdi l-informazzjoni f'dak it-terminu li tista' tiddetermina fis-sentenza tagħha, u jekk tonqos milli tagħmel dan, il-persuna li tkun hekk ġiet ordnata għandha tkun ħatja ta' reat ulterjuri kontra dan l-Att, u f'każ li tinsab ħatja għandha teħel multa ulterjuri ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin euro (€25) u ta' mhux aktar minn mitejn u ħamsin euro (€250) għal kull jum li ddum biex tipprovdi l-informazzjoni skont it-termini stabbiliti mill-qorti fl-ordni tagħha.

(3) Kull appell mis-sentenza li jkun fiha ordni kif provduta fis-subartikolu (2) ma għandux jissospendi t-terminu tal-għoti tal-informazzjoni, kif jista' jkun ġie stabbilit mid-digriet.

Żvelar relattiv għall-Ordni ta' Monitoraġġ u Ordnijiet ta' Investigazzjoni eċċ.

60. Fejn tkun saret jew sar rikors għal Ordni ta' Monitoraġġ, Ordni ta' Investigazzjoni jew Ordni ta' Sekwestru, kull min ikun jaf jew jissuspetta li l-monitoraġġ jew investigazzjoni qiegħda sseħħ jew li Ordni ta' Monitoraġġ, Ordni ta' Investigazzjoni jew Ordni ta' Sekwestru saru jew intalbu, jew jagħmel kwalunkwe żvelar li x'aktarx jippreġudika l-operazzjoni ta' sorveljanza, jew l-investigazzjoni jew l-operazzjoni tal-Ordni ta' Sekwestru għandu jkun ħati ta' reat kontra dan l-artikolu u għandu, meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (€12, 000) jew priġunerija li ma taqbiżx it-tnax (12)-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fil-proċeduri għal reat skont dan l-artikolu għandha tkun difiża għall-akkużat li jipprova li ma kienx jaf jew jissuspetta, u li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma setax raġonevolment ikun mistenni li jaf jew jissuspetta, li l-iżvelar x'aktarx jippreġudika l-operazzjoni ta' monitoraġġ, l-investigazzjoni jew l-operazzjoni tal-Ordni ta' Sekwestru.

Nuqqas ta' konformità ma' Ordni ta' Investigazzjoni.

61. Kull persuna li, wara li ġiet ordnata tipproduċi jew tagħti aċċess għal kwalunkwe materjal skont Ordni ta' Investigazzjoni, mingħajr skuża legali, li għandha tippruvaha hi stess, tonqos jew tirrifjuta li tikkonforma mal-Ordni ta' Investigazzjoni jew tfixkel jew

ittellef b'rieda kull tfittxija għal materjal bħal dan, għandha tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u, meta tinstab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (€12,000) jew priġunerija li ma taqbiżx it-tnax (12)-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kontravenzjoni ta' Ordni ta' Sekwestru eċċ.

62. Kull persuna li taġixxi b'kontravvenzjoni ta' Ordni ta' Sekwestru jew Ordni ta' Qbid u ta' Iffriżar għandha tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tista' meta tinstab ħatja teħel multa ta' mhux aktar minn tnax-il elf euro (€12,000) jew priġunerija li ma taqbiżx it-tnax (12)-il xahar jew kemm għal dik il-multa kif ukoll għal priġunerija, u meta r-reat jikkonsisti fil-ħlas, it-trasferiment jew il-konsenja mis-sekwestrati lil kwalunkwe persuna ta' kwalunkwe flus jew proprjetà oħra mwaħħla, maqbuda jew iffriżata mill-ordnijiet tal-multa fl-ebda każ ma għandha tkun inqas mid-doppju ta' valur tal-ħlas magħmul jew tal-proprjetà trasferita jew ikkunsinnjata, anke meta dik il-multa teċċedi s-somma msemmija ta' tnax-il elf euro (€12,000).

Il-multi jistgħu jerġgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili.

63. (1) Il-multi inflitti skont din it-Taqsima għandhom għal terz tal-ammont tagħhom ikunu eżegwibbli bħala u għandhom jikkostitwixxu dejn ċivili favur il-Gvern, u jistgħu jiġu rkuprati mid-Direttur.

(2) Meta reat taħt din it-Taqsima jkun ġie mwettaq minn persuna li fil-ħin tal-imsemmi reat kienet direttur, maniġer jew segretarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp korporattiv jew persuna li għandha s-setgħa ta' rappreżentanza ta' tali korp jew li għandha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew li jkollha awtorità biex teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u dak ir-reat ġie mwettaq għall-benefiċċju, parzjali jew sħiħ, ta' dak il-korp korporattiv, l-imsemmija persuna għandha għall-finijiet ta' din it-Taqsima tkun vestita bir-rappreżentazzjoni legali tal-imsemmi korp korporattiv li jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' multa ta' mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000):

Iżda meta rappreżentanza legali ma tibqax vestita fil-persuna msemmija, għall-iskop ta' dan l-artikolu, rappreżentanza legali għandha tingħata lill-persuna li tokkupa l-uffiċċju minfloku jew lil dik il-persuna kif imsemmi f'dan l-artikolu.

TAQSIMA IX
Emendi u Dispożizzjonijiet Tranżitorji

Emenda għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Kap. 12.

64. Minnufih wara s-subartikolu (7) tal-artikolu 36 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7A) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandha tieħu konjizzjoni tat-talbiet kollha kontra persuni kemm

jekk huma naturali jew legali li joqogħdu jew għandhom l-uffiċċju ordinarju tagħhom jew uffiċċju reġistrat jew li għandhom assi jew proprjetà ta' kwalunkwe tip fil-Gżira ta' Malta u fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna u ta' azzjonijiet *in rem*, għall-irkupru tar-rikavat mill-kriminalità mill-Istat jew minn entità tal-Istat jew għall-konfiska bbażata fuq nuqqas ta' kundanna ta' assi u proprjetà ta' kwalunkwe tip kif jistgħu jiġu pprovduti fi kwalunkwe liġi minn żmien għal żmien fis-seħħ u l-kawżi l-oħra kollha espressament assenjati bil-liġi lil tali sezzjoni tal-Qorti Ċivili:

Iżda meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) tieħu konjizzjoni tat-talbiet kontra persuni, kemm jekk fiżiċi kif ukoll legali, li joqogħdu jew li għandhom id-djar ordinarji tagħhom fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna għandha żżomm is-seduti tagħha fil-bini tal-qrati ta' Għawdex.".

Emenda għall-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili. LS 12. 19.

65. L-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fir-regolament 2 tiegħu, il-kelma "erba'" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "ħames";

(b) fir-regolament 3 tiegħu, il-kliem "is-Sezzjoni tal-Kummerċ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "is-Sezzjoni tal-Kummerċ, is-Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi"; u

(ċ) minnufih wara r-regolament 5A tiegħu għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Assenjazzjoni ta' każijiet Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi).

5B. Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) għandhom jiġu assenjati rikorsi relatati ma' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-irkupru ta' rikavat mill-kriminalità u għall- konfiska ta' proprjetà mhux ibbażati fuq il-kundanna mill-Istat jew minn entità tal-Istat kif tista' tiġi pprovduta minn kull liġi minn żmien għal żmien fis-seħħ u l-kawżi l-oħra kollha espressament assenjati bil-liġi lis-sezzjoni msemmija tal-Qorti Ċivili.".

Emendi għal-liġijiet varji.

66. L-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att tista' tiġi emendata b'regolamenti magħmula mill-Ministru. Il-liġijiet fl-Ewwel Taqsima tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att jistgħu jiġu revokati jew emendati sakemm jipprovdu dispożizzjoni fir-rigward tal-materji previsti wkoll f'dan l-Att bil-mod kif provdut fit-Tieni Taqsima tal-Iskeda msemmija:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tiġi interpretata bħala deroga, limitazzjoni jew restrizzjoni ta' xi poter mogħti taħt il-liġijiet inklużi fl-Ewwel Taqsima tal-Iskeda.

Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż. Kap. 101.

67. L-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) l-artikolu 22Ċ tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi";

(ii) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi mingħajr dewmien, u l-imsemmi Uffiċċju"; u

(b) l-artikolu 24D tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Ikrupru tal-Assi)";

(ii) fis-subartikolu (10) tiegħu, il-kliem "lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)".

Emendi għall-Att kontra Money Laundering. Kap. 373.

68. L-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandhom jiġu sostitiwiti bil-kliem "fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)"; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, il-kliem "lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi mingħajr dewmien, u l-imsemmi Uffiċċju".

Ordnijiet maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

69. Kwalunkwe ordni ta' sekwestru, ordni ta' iffriżar, ordni ta' investigazzjoni, ordni ta' monitoraġġ, qbid jew xi ordni oħra magħmula fir-rigward ta' xi investigazzjoni ta' reat relevanti jew għal proċeduri kriminali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att jibqa' jkollha effett u tkun regolata bil-liġi li taħtha ġiet maħruġa u ma għandhiex tkun affettwata mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Thassir u riżervi. L.S. 9. 23.

70. Ir-Regolamenti dwar l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi huma b'dan imħassra mingħajr preġudizzju għall-validità kontinwa jew għal kull ħaġa li saret jew għad trid issir taħt dawk ir-regolamenti.

SKEDA
(Artikoli 35 u 66)

L-Ewwel Taqsima

- Kodiċi Kriminali Kap. 9

- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12

- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap. 31

- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101

- Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta Kap. 330

- Att kontra Money Laundering Kap. 373

- Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji Kap. 476

It-Tieni Taqsima

Il-Ministru b'approvazzjoni minn qabel b'riżoluzzjoni tal-Kamra jista' fi żmien tliet (3) snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Iskeda permezz ta' Avviż Legali jħassar jew jemenda d-dispożizzjonijiet fil-liġijiet elenkati fl-Ewwel Taqsima ta' din l-Iskeda sa fejn huma jipprovdu għal kwistjonijiet ipprovduti wkoll f'dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 427 tal-15 ta' Frar, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati